**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 187**
**L-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 187**
**L-Erbgħa,  6 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 187**

**L-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023**

**WERREJ**


MINUTI ........ 262

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 262

TQEGĦID TA' KARTI ........ 267

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IN-NAVIGAZZJONI FL-AJRU (Tielet Qari)

AIR NAVIGATION BILL (Third Reading) ........ 267

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (Tieni Qari)

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS (AMENDMENT) BILL (Second Reading) ........ 268

AĠĠORNAMENT ........ 288

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 293

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 186, li saret fil-5 ta' Diċembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU

**11901. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il siegħa ta' qtugħ ta' provvista tal-elettriku kien hemm f'Lulju, Awwissu u Settembru tal-2023 f'kull lokalità f'Malta u f'Għawdex u tgħid ukoll kemm minn dawn kienu skedati għall-manutenzjoni?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11135.

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** Grazzi. L-Onor. Abigail Camilleri, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Sur President, wara t-tnedija tal-politika nazzjonali dwar l-użu tal-enerġija rinnovabbli offshore, tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tispjega x'inhu l-qofol ta' din il-politika? Kif din torbot mal-viżjoni li għandu l-Gvern fil-qasam tal-enerġija? X'se jkun qed isir wara l-konsultazzjoni pubblika tal-ewwel dokument li ġie ppublikat dwar din il-policy?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, l-Onor. Interpellant qiegħda tirreferi għall-konsultazzjoni pubblika li saret dwar proġetti rinnovabbli offshore f'dik li hija magħrufa aħjar bħala l-Exclusive Economic Zone (EEZ) ta' pajjiżna. Tajjeb ngħidu li dan il-Parlament għamel emendi legali li jiffokaw b'mod partikolari dwar l-EEZ f'pajjiżna. Dakinhar, dan il-Parlament approva b'mod unanimu numru ta' emendi li saru f'diversi liġijiet, hekk kif kien meħtieġ. Dak il-vot kien ittieħed f'Lulju u mbagħad fl-aħħar ta' Awwissu l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, permezz tal-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA), ħareġ il-politika dwar ir-rinnovabbli offshore. Dik il-konsultazzjoni pubblika baqgħet miftuħa għal xahar, sal-aħħar ta' Settembru, fejn daħlu xejn inqas minn 64 sottomissjoni differenti, li huwa ammont tajjeb ħafna meta qed nitkellmu dwar proġetti tekniċi, bħalma huwa dan il-proġett.

Issa qed issir evalwazzjoni ta' dawk is-sottomissjonijiet, sabiex naraw x'tibdiliet ikunu meħtieġa fejn tidħol din il-politika. Tajjeb ngħidu wkoll li diġà bdew laqgħat ma' stakeholders differenti fejn setgħu tqanqlu xi issues li jistgħu jkunu ta' tħassib. Wara kollox, nemmnu li din hija politika nazzjonali u għalhekk irridu naċċertaw ruħna li tkun qed tindirizza l-aspetti kollha differenti. Forsi wieħed jistaqsi: Għalfejn huwa importanti li jkollna politika nazzjonali dwar dawn it-tip ta' proġetti rinnovabbli fl-Exclusive Economic Zones (EEZ) ta' pajjiżna? Nemmen li dawn il-proġetti, flimkien ma' dawk li għaddejjin bħalissa u li huma ppjanati, huma meħtieġa. Bħalissa pajjiżna għas-sorsi tal-enerġija tiegħu jiddependi primarjament fuq l-LNG u l-elettriku li jiġi permezz tal-interconnector.

Qegħdin naħdmu wkoll, u għaddej ix-xogħol b'ritmu mgħaġġel, fuq it-tieni interconnector li se jkollu pajjiżna. Għaddej ix-xogħol b'ritmu mgħaġġel ukoll fuq is-sistemi ta' ħażna tal-enerġija permezz tal-batteriji, il-battery energy storage systems, li se jkunu jistgħu jgħinu wkoll fil-ħażna tal-enerġija, b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli. Dawn għandna bżonnhom għaliex id-direzzjoni u l-viżjoni li qed jieħu pajjiżna hija li kemm jista' jkun ikollna enerġija li ġejja mir-rinnovabbli. Għalhekk dawn il-proġetti fl-EEZ ta' Malta se jkomplu jgħinuna biex inżidu l-persentaġġ ta' enerġija li tkun rinnovabbli u nadifa. S'issa f'pajjiżna rnexxielna naqbżu l-mira mmirata għall-2030 fejn tidħol l-enerġija rinnovabbli, però nemmen li fadlilna ħafna aktar x'nagħmlu. Dawn il-proġetti fl-EEZ ta' pajjiżna jistgħu jgħinuna nkomplu nilħqu dak il-persentaġġ.

Però m'aħniex se nieqfu hemmhekk. Qegħdin inħarsu lejn alternattivi differenti. Kif ħabbarna u kif inqtal anke pubblikament sar memorandum of understanding (MOU) mal-Libja biex naraw kif jista' jkollna interkonnessjoni ma' pajjiż li huwa ġar tagħna u li għandu potenzjal rinnovabbli mix-xemx. Qegħdin inħarsu lejn alternattivi differenti li konvinta li nkunu nistgħu nitkellmu aktar

dwarhom fid-dettall fix-xhur li ġejjin. Finalment irridu nilħqu l-mira tagħna li jkollna ekonomija li ma tniġġisx sas-sena 2050. Forsi għal ħafna, is-sena 2050 hija 'l bogħod, però r-realtà hi li dawn huma proġetti li wħud minnhom forsi jistgħu jsiru f'iqsar żmien minn oħrajn, però oħrajn jieħdu aktar tul ta' żmien. Għalhekk irridu li pajjiżna jkun ippreparat u minn ta' quddiem sabiex aħna wkoll naraw li nkunu qegħdin nesploraw il-potenzjal kollu li jeżisti.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, sa ftit xhur ilu l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kellha online site li tikkonċerna l-Air Quality Index, biex tindika l-kwalità ta' arja f'pajjiżna. Fil-fatt kien hemm data speċifika għal kull lokalità. Tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tindika għalfejn din id-data m'għadhiex aktar viżibbli u minflok qed tingħata informazzjoni ġenerika għall-ġżejjer kollha kemm huma? Tista' l-Ministru tindika jekk fil-fatt kienx hemm żieda ta' tniġġis fl-arja tagħna?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Ilbieraħ l-Onor. Debattista qalilna li kien hemm il-logħba futbol ta' Malta tat-tim tan-nisa. Illum ikkwalifikaw u allura naħseb li għandna nifirħu lit-tim nazzjonali Malti. (Onor. Membri: Hear, hear) Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, l-ERA għandha l-air quality monitors f'numru ta' lokalitajiet differenti. M'iniex konxja li m'hemmx tali informazzjoni pubblika kif qed tindika l-Onor. Interpellant. Nitlobha tagħmel mistoqsija bil-miktub ħalli nkun nista' nagħti aktar dettalji.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Randolph De Battista, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RANDOLPH DE BATTISTA:** Sur President, nifraħ lit-tim nazzjonali Malti tan-nisa.

Waqt il-COP28 f'Dubai, Malta ġiet rikonoxxuta għax-xogħol li qed tagħmel dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq gżejjer żgħar. Tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tispjega xi jfisser dan ir-rikonoxximent? X'qed tagħmel Malta f'dan ir-rigward u għaliex ġiet rikonoxxuta?
**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, din hija mistoqsija kurrenti ħafna. Bħalissa għaddejja l-konferenza internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, il-COP28. Ir-rikonoxximent li rrefera għalih l-Onor. Interpellant ingħata ftit tal-ġranet ilu waqt il-COP28 fejn Malta ġiet rikonoxxuta bħala leader fejn tidħol il-climate mobility. Malta, minkejja ċ-ċokon tagħha, għandha vuċi qawwija ħafna fejn tressaq 'il quddiem il-pożizzjoni ta' dawk il-gżejjer, b'mod partikolari gżejjer żgħar bħal tagħna, li huma suxxettibbli aktar minn pajjiżi oħrajn għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, b'mod primarju l-konsegwenza ta' meta jogħla l-livell tal-baħar. Qegħdin naraw kif hemm ċerti gżejjer li huma vulnerabbli aktar minn oħrajn jekk il-livell tal-baħar jogħla. Għandek numru ta' studji li juru u jindikaw li f'dan is-seklu l-livell tal-baħar jista' jitla' anke żewġ metri.

Dan ifisser li ċerti gżejjer li llum qegħdin hemmhekk u huma stat jistgħu litteralment ma jibqgħux bit-territorju li għandhom illum. Għalhekk din hija tema li pajjiżna qiegħed jimbotta 'l quddiem f'fora differenti, inkluż fil-fora tal-Ġnus Maqgħuda hekk kif pajjiżna għandu l-presidenza tal-Kunsill tas-Sigurtà. Kien proprju fi Frar 2023 - u minn hawn insellem lill-Ministru Ian Borg - li pajjiżna ressaq 'il quddiem il-kwestjoni ta' sigurtà meta jkollok stat li jista' ma jibqax bit-territorju tiegħu. Bħala pajjiż qegħdin ninsistu li dawk id-drittijiet li għandhom l-istati kollha llum il-ġurnata għandhom jibqgħu jiġu mħarsa. Qed ngħid dan għaliex għandek żewġ kondizzjonijiet ta' dak li jikkostitwixxi stat; li jkollok it-territorju u li jkollok il-popolazzjoni.

Jekk gżira ma tkunx għadha hemmhekk, allura dawk iż-żewġ kondizzjonijiet ma jkunux għadhom hemmhekk lanqas. Però jidher ukoll li hemm kuxjenza dwar dan il-fatt. Fil-fatt kont qiegħda nattendi laqgħa organizzata mill-Ġermanja, li mhijiex pajjiż gżira imma hija konxja wkoll ta' din is-sitwazzjoni, flimkien mal-gżejjer differenti, fejn insistejna u enfasizzajna dwar l-importanza ta' dan il-punt. X'inhi tagħmel Malta fejn jidħol it-tibdil fil-klima? Bħala Gvern dejjem għidna li l-fatt li aħna żgħar ma jiġġustifikax li nagħmlu xi sforz inqas minn pajjiżi oħrajn li huma akbar. Nieħu gost nara li, pereżempju, skont statistika riċenti tal-Eurostat li ħarġet fl-1 ta' Diċembru 2023, liema statistika qabblet il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea,

pajjiżna huwa l-pajjiż li għandu l-inqas emissjonijiet għal kull persuna li taħdem f'Malta.

Dan ifisser li wasalna? Jien ngħid li dan ifisser li bdejna, qegħdin fit-triq it-tajba, imma għandna bżonn nagħmlu ħafna u ħafna aktar. Fost l-aktar setturi li qegħdin nindirizzaw hemm is-settur tal-enerġija, fejn fl-aħħar għaxar snin naqqasna 60% tal-emissjonijiet. Ninnota wkoll li l-mira tagħna ta' 11.5% enerġija rinnovabbli li kellna nilħqu fis-sena 2030 irnexxielna naqbżuha bl-istatistika tas-sena 2021, fejn għandna perċentwal ta' 12.15%. Ninnota wkoll li dak il-perċentwal għandu l-potenzjal li jiżdied ferm aktar fis-snin li ġejjin. Ovvjament hemm setturi fejn irridu naħdmu fuqhom ħafna aktar minn setturi oħrajn. Ewlieni fosthom huwa s-settur tat-trasport, li jinkludi wkoll is-settur tal-avjazzjoni u s-settur marittimu. Però dan il-Gvern huwa kommess li jżid aktar l-isforzi tiegħu, ħalli naċċertaw ruħna li, żgħar kemm aħna żgħar, il-parti tagħna nkunu qegħdin nagħmluha b'mod li tħalli effett pożittiv.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, dan l-aħħar qed naraw ukoll tniġġis mill-ħsejjes. Tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tgħid jekk hijiex qed tara li din il-problema qiegħda dejjem tikber aktar ma jgħaddi ż-żmien? Skont riċerka partikolari ħareġ li t-tniġġis mill-ħsejjes qed iwassal ukoll għal problemi ta' saħħa f'ħafna nies, inkluż problemi ta' saħħa mentali. Jekk il-Ministru tagħraf li hemm din il-problema f'pajjiżna, tista' tgħid x'qed isir f'dan ir-rigward?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, nirreferi għall-mistoqsija preċedenti li saret mill-Onor. Interpellant għax fil-frattemp tlabt għal aktar informazzjoni. Kif għedt fir-risposta tiegħi, ma kontx informata li dik id-data li saret referenza għaliha m'għadhiex aċċessibbli. Huwa fatt li dik id-data għadha hemmhekk. L-unika issue li hemm hija li s-sistema hija mitfija sabiex jaqilbu minn sistema għal oħra. Però l-informazzjoni dwar il-European Air Quality Index hija disponibbli u tista' tiġi aċċessata. Ġaladarba jkunu qalbu minn sistema għal oħra, dik l-informazzjoni kollha li dejjem ingħatat tibqa' tingħata għaliex irridu li dik l-informazzjoni tkun ippubblikata. Fil-fatt tajjeb ngħid li l-istazzjonijiet kollha għadhom qegħdin jirrapportaw dan il-moniteraġġ li jkun qed isir tal-kwalità tal-arja u jittrasmettu dik l-informazzjoni fuq il-website tal-European Air Quality Index, sakemm is-sistema nazzjonali tkun ġiet updated u tibda taħdem mill-ġdid.

Tajjeb ngħidu li hemm ukoll tniġġis ambjentali mill-ħsejjes li jaqa' taħt ir-remit tal-ERA u mbagħad għandek ħsejjes oħra li mhux neċessarjament huma regolati min-naħa tal-ERA. Qegħdin naraw li fir-rigward ta' dawk il-ħsejjes li huma regolati min-naħa tal-ERA jkun hemm standards speċifiċi f'posthom biex naraw li jkunu regolati kif suppost. Ovvjament qed issir analiżi wkoll fejn jidħol it-tniġġis ambjentali mill-ħsejjes biex ikun jista' jkollna regolamentazzjoni b'saħħitha li tista' tiġi regolata mill-ERA.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, il-ġimgħa li għaddiet ġie inawgurat rehabilitation park fi Xrobb l-Għaġin. Tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tagħti aktar dettalji fuq il-funzjoni tiegħu u l-faċilitajiet li joffri?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, l-Onor. Interpellant qiegħda tirreferi għall-Wildlife Rehabilitation Centre. Dan huwa l-ewwel ċentru tax-xorta tiegħu li nfetaħ f'pajjiżna grazzi għall-ħidma konġunta li saret bejn l-organizzazzjoni ambjentali Nature Trust, li minn hawnhekk insellmilhom tal-input tagħhom, u Ambjent Malta. Dan huwa investiment ta' kważi €2.5 miljun, fejn għall-ewwel darba f'pajjiżna għandna post wieħed fejn annimali selvaġġi ta' fuq l-art kif ukoll fil-baħar jistgħu jingħataw il-kura meħtieġa meta jiltaqgħu ma' xi problemi. Eżempju li żgur min qed isegwina se jifhmu huwa meta jkollok fkieren tal-baħar li jispiċċaw ikunu ndarbu minħabba li jinqabdu f'xi konzijiet jew f'xi affarijiet użati mis-sajjieda, jew ikunu belgħu xi boroż tal-plastik, jew sofrew minn xi tip ta' ġrieħi.

Nature Trust tgħin ukoll f'dan ir-rigward flimkien u b'kollaborazzjoni mal-ERA, fejn jagħtu din l-għajnuna lil dawn l-annimali selvaġġi tal-art u tal-baħar. Issa hemm ċentru wieħed fejn dawn l-annimali jistgħu jingħataw it-terapija meħtieġa.

Dan iċ-ċentru se jkun qed iservi wkoll bħala ċentru edukattiv għat-tfal u għall-istudenti, għaliex għandu wkoll dawk il-faċilitajiet edukattivi. Bl-istess mod se jkun miftuħ għall-familji tagħna li jridu jżuru ż-żona ta' Xrobb l-Għaġin. Tajjeb ngħidu li wara li tlesta x-xogħol fuq iċ-ċentru ta' riabilitazzjoni, ġie riabilitat ukoll il-madwar, fejn għandek spazju ta' 150,000 metru kwadru wara li issa reġa' nfetaħ għall-pubbliku. Kien ingħalaq għall-pubbliku fl-2018 minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurtà filwaqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet.

Tajjeb ngħid li tħawlu wkoll 20,000 siġra addizzjonali u hemm ukoll faċilitajiet għal dawk il-familji li jixtiequ jżuru din iż-żona. Interessanti wkoll, u hawnhekk insellem lil Heritage Malta, li waqt li kienu għaddejjin dawn ix-xogħlijiet, instabu fdalijiet arkeoloġiċi. B'ħidma ma' Heritage Malta qed naraw li dawn is-sejbiet jiġu kemm jista' jkun protetti, u li parti minnhom tkun miftuħa għall-pubbliku, biex wieħed ikun jista' jara dawn il-fdalijiet storiċi li jinsabu fiż-żona. Minn hawnhekk insellem lil dawk kollha li kienu involuti fil-ħidma biex dan il-park, flimkien maċ-ċentru ta' riabilitazzjoni, reġgħu infetħu mill-ġdid għall-pubbliku. Konvinta li din tista' tkun esperjenza li tgħallem ħafna lit-tfal tagħna u esperjenza sabiħa għall-familji Maltin u Għawdxin.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, inkompli ma' dak li qalet il-Ministru. Fil-mistoqsija tiegħi jien għidt li s-sit għadu hemm, però qed jagħti informazzjoni ġenerika fuq l-Air Quality Index u mhux informazzjoni speċifika bħal qabel. Tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tispjega jekk hemmx il-ħsieb li terġa' tibda tingħata informazzjoni fuq livell ta' lokalità b'lokalità? Se nerġa' nagħmel ukoll l-istess mistoqsija li għamilt aktar qabel. Bl-informazzjoni li għandha l-Ministru llum, tista' tindika jekk kienx hemm żieda ta' tniġġis jew le fl-arja ta' pajjiżna f'dawn l-aħħar xhur?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, kif diġà spjegajt lill-Onor. Interpellant, l-ERA qiegħda taqleb minn sistema għal oħra. L-informazzjoni qiegħda tingħata kif kienet tingħata qabel u hija aċċessibbli fuq il-European Air Quality Index. Ġaladarba s-sistema tinqaleb minn waħda għal oħra, dik l-informazzjoni tkun aċċessibbli kif kienet qabel.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Abigail Camilleri, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ABIGAIL CAMILLERI:** Sur President, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) nediet b'suċċess l-ewwel green bonds f'Malta b'valur ta' €25 miljun. Din l-inizjattiva tant kienet suċċess li dawn il-bonds inħatfu mill-investituri fi ftit sigħat wara li nħarġu għall-pubbliku. Tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tispjega għalxiex se jkunu qed jintużaw il-fondi minn dawn il-green bonds?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, il-green bonds li ħarġet il-WSC għalija għandhom sinifikat usa' minn sempliċement ħruġ ta' bonds għall-pubbliku. L-ewwel nett, dawn huma l-ewwel green bonds li nħarġu f'pajjiżna. Nemmen li meta investituri privati raw l-interess li kien hemm għal dawn il-green bonds, anke mir-retail investors infushom, dak iservi bħala inkoraġġament għal aktar kumpaniji biex joħorġu green bonds fil-pajjiż. Kif qalet tajjeb l-Onor. Interpellant, dawn il-green bonds ittieħdu f'temp ta' ftit sigħat biss. Tajjeb ngħid ukoll li l-WSC hija l-ewwel utilità tal-ilma fl-Unjoni Ewropea li ħarġet dawn il-green bonds. Din hija indikazzjoni oħra ta' kemm il-finanzjament ambjentali huwa xi ħaġa li jagħmel sens fil-pajjiż u lil hinn minnu biex verament inkunu qegħdin nippromwovu proġetti ambjentali. Wara l-esperjenza tal-WSC u l-ħruġ tal-green bonds qegħdin naraw ukoll x'tibdil jista' jkun meħtieġ biex il-green bonds isiru xi ħaġa li tkun aktar komuni f'pajjiżna, fejn anke investituri privati jkunu jistgħu jmorru f'dik id-direzzjoni, biex iġibu l-finanzjament għall-proġetti ambjentali tagħhom.

L-Onor. Interpellant staqsiet dwar x'tip ta' proġetti qed jiġu ffinanzjati permezz tal-green bonds. Ovvjament, kull proġett li qed jiġi finanzjat b'dawn il-€25 miljun huwa proġett li għandu benefiċċju ambjentali għall-pajjiż inġenerali. Wieħed mill-proġetti li qed jiġu koperti huwa ta' madwar €6 miljun investiment f'pannelli solari f'solar farms li qed tinvesti fihom il-WSC. Għandek ukoll investiment relatat

mal-impjant il-ġdid tar-reverse osmosis f'Ħondoq ir-Rummien. Hemmhekk, il-makkinarju l-ġdid qiegħed jgħin ukoll biex ikollok aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija għax inaqqas il-konsum tal-enerġija meta kkomparat ma' impjanti ta' reverse osmosis oħra tradizzjonali. Għandek kopert ukoll investiment fejn jidħol it-trattament tad-drenaġġ. Għandek ukoll affarijiet oħra li jaqgħu fl-ambitu ambjentali. Dawn il-proġetti kollha huma wkoll parti mill-viżjoni tal-WSC, li tkun a net zero carbon utility, jiġifieri tkun korporazzjoni li l-ħidma tagħha kemm jista' jkun ma tkunx qiegħda tniġġes, u jekk ikun hemm xi tniġġis tikkumpensa għalih, biex finalment tasal f'punt fejn l-emissjonijiet ikunu net zero.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Ray Abela, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, tista' l-Ministru, jekk jogħġobha, tinforma lill-Kamra dwar l-għajnuna finanzjarja li se tkun qed tingħata permezz ta' fondi pubbliċi li ġew approvati mill-Kummissjoni Ewropea lill-kumpanija STMicroelectronics?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, l-Onor. Interpellant qed jirreferi għal inizjattiva li tpoġġi lil pajjiżna fuq il-mappa tal-pajjiżi li jkunu qegħdin joffru cutting-edge technology, b'mod partikolari fejn jidħlu l-microchips. Dan għaliex pajjiżna huwa wieħed minn 14-il pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea li ntgħażlu biex ikunu parti minn proġett madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Fil-fatt għandek madwar 65 kumpanija privata li se jkunu involuti f'dawn il-proġetti. Dan huwa dak magħruf bħala l-Important Projects of Common European Interest (IPCEI), fejn il-Kummissjoni Ewropea f'dan is-settur tas-semiconductors qiegħda tara li tkun qed tagħti għajnuna ta' madwar €8 biljun biex l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, u allura l-kumpaniji fl-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi li jintgħażlu biex ikunu parti minn dan il-proġett tal-IPCEI, ikunu qegħdin ipoġġu lill-Unjoni Ewropea 'l quddiem fejn tidħol il-ġirja kompetittiva fir-rigward tas-semiconductors.

Fil-fatt tajjeb ngħid ukoll li b'rabta ma' din l-inizjattiva, f'pajjiżna diġà tellaqna x-xogħol biex ikollna ċentru ta' eċċellenza fejn jidħlu s-semiconductors. Dan għaliex irridu li nkunu qegħdin nolqtu ħafna aktar kumpaniji differenti, SMEs u start-ups li jkunu qegħdin joffru servizzi u prodotti anċillari li jistgħu jgħinu lil pajjiż jimxi 'l quddiem f'dan is-settur. Fil-fatt tajjeb ngħid li l-proġett Malti kien sottomess mill-STMicroelectronics flimkien mal-Malta Enterprise u jġib flimkien tliet pajjiżi differenti li huma pajjiżna, l-Italja u Franza, li se jkunu qegħdin jinvestu fl-aktar teknoloġija avvanzata f'dan is-settur.

Qed ngħid dan għaliex il-proġett jinkludi wkoll riċerka, żvilupp u anke innovazzjoni biex tinħoloq din it-teknoloġija li se tkun avvanzata u beyond state of the art fejn jidħol dan is-settur tas-semiconductors. Dan huwa ferm importanti, aktar u aktar fid-dinja tal-lum fejn nemmnu li s-settur tas-semiconductors se jkollu aktar relevanza. Interessanti wkoll li dan il-proġett ma jħarisx biss lejn il-kumpanija involuta imma jara li joħloq ukoll sinerġija ma' entitajiet edukattivi bħal, pereżempju, l-Università ta' Malta u entitajiet oħra fl-industrija privata f'pajjiżna. Nemmen li l-fatt li pajjiżna qiegħed hemmhekk ma' 14-il pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea huwa sinjal ċar ta' fiduċja f'pajjiżna, b'mod partikolari fejn jidħol l-investiment dirett barrani.

Sur President, hawnhekk m'aħniex nitkellmu dwar investiment żgħir, imma qegħdin nitkellmu dwar dak it-tip ta' investiment li qegħdin naħdmu biex nattiraw lejn dan il-pajjiż, fejn il-kwalità tingħata verament l-importanza li jixirqilha u tieħu centre stage. Meta tibda tara kumpaniji bħalma huma l-STMicroelectronics, li għandhom fiduċja f'pajjiżna li jkomplu jkabbru l-operat tagħhom u jinvestu f'pajjiżna biex pajjiżna jkun minn ta' quddiem nett fejn tidħol l-aħħar teknoloġija, dan ikompli jikkonsolida l-viżjoni tagħna u dak li qegħdin naħdmu għalih. F'dan il-pajjiż irridu nattiraw dik l-industrija li hija ta' kwalità u li tħalli valur miżjud lill-pajjiż kollu kemm hu filwaqt li toħloq karrieri ta' kwalità f'pajjiżna.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Skada l-ħin għall-mistoqsijiet parlamentari. Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Jo Etienne Abela.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi l-ammont ta' fondi mill-Unjoni Ewropea li se jkunu ntnefqu sa Diċembru 2023 maqsuma skont il-Fond, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13295;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar l-appelli li ġew deċiżi mill-ICL Appeals Board matul l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13959; u

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar investiment għall-provvista aħjar tal-elettriku mill-Enemalta fil-perijodu bejn Jannar 2022 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11902; u

> Lista li turi d-dati meta sar l-ilment u t-toroq f'San Pawl il-Baħar fejn kien hemm rapport ta' fawran ta' drenaġġ, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13900.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet Ministerjali? Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IN-NAVIGAZZJONI FL-AJRU

## AIR NAVIGATION BILL

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jirregola n-Navigazzjoni fl-Ajru" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

## EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS (AMENDMENT) BILL

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. CHRIS BONETT (Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej):** Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Sur President, l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna jittratta s-suġġett tal-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Dan huwa Abbozz ta' Liġi li għalkemm qed jipproponi emenda minima jkun tajjeb li wieħed jenfasizza li din hija emenda li tista' tagħmel differenza sostanzjali. L-emenda li għandna quddiemna hija ta' neċessità għall-artikolu 29 tal-Att prinċipali, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta l-offiża tal-għoti ta' fastidju u jipprovdi hekk:

> "L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju lil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jissoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, li rigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn dik il-persuna."

L-enfasi hija fuq il-kliem "offensivi, umiljanti u intimidatorji", għaliex din l-aħħar parti li qed nirreferi għaliha hija differenti mit-test bl-Ingliż, li fil-fehma tagħna jirrifletti l-intenzjoni aħħarija li kellu l-leġiżlatur. Skont it-test Ingliż il-kondotta ta' min qiegħed iwettaq l-offiża m'għandhiex tkun raġunevolment meqjusa b'mod kumulattiv bħala offensiva, umiljanti u intimidatorja, kif qiegħda bil-Malti, imma hija alternattiva, għax tipprovdi hekk:

> "... and which could reasonably be regarded as offensive, humiliating or intimidating to such person."

Għalhekk l-għan u r-raġuni li ressaqna dan l-Abbozz ta' Liġi kienu purament għall-finijiet ta' ċertezza legali, fejn qed ikun propost li jiġi sostitwit il-kliem "offensivi, umiljanti u intimidatorji" bil-frażi "offensivi, umiljanti jew intimidatorji".

Irrid niċċara illi kieku kellek sitwazzjoni fejn it-test bil-Malti kien it-test korrett jew li jirrifletti eżattament x'kienet l-intenzjoni tal-leġiżlatur u mill-banda l-oħra t-test bl-Ingliż ma kienx korrett, kieku ma kienx ikun jeħtieġ li nagħmlu dan l-intervent leġiżlattiv parlamentari biex inkunu nistgħu nindirizzaw din is-sitwazzjoni. Dan għaliex, kif ċertament huwa apprezzat u kif ipprovdut anke fl-Att dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutorji, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' xi edizzjoni riveduta, it-test Malti għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi statutorja partikolari, jipprevali. Però tajjeb ninnotaw, anke bħala sfond legali ta' ċirkostanzi ta' dan it-tip, fejn ikollok diskrepanza bejn it-test bil-Malti u t-test bl-Ingliż, li dan mhux dejjem kien il-każ fl-istorja legali ta' pajjiżna, kif irrimarka tant tajjeb, fost oħrajn, l-Imħallef Emeritu Tonio Mallia, li nsellimlu minn hawnhekk għall-ħidma li wettaq fis-settur tal-ġustizzja f'pajjiżna. Fis-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007 kien qal li meta tqis liġi inkorporata fl-istatut Malti qabel il-Kostituzzjoni tal-Indipendenza, il-prinċipju kien li meta jkun hemm konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti fil-liġi, jipprevali t-test Ingliż. Wieħed jista' jara l-każ Farrugia *vs* Agius, deċiża mill-Onorevoli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar 1950. Dan ifisser li fil-passat kienet fl-invers, jiġifieri li t-test bl-Ingliż kien jipprevali. Ovvjament, bl-iżvilupp storiku u legali ta' pajjiżna, illum qed naraw sitwazzjoni fejn it-test Malti jipprevali. Għalhekk f'din iċ-ċirkostanza qegħdin nagħmlu dan l-intervent leġiżlattiv, proprju biex nassiguraw li t-test Malti jiġi jirrifletti t-test Ingliż li, kif spjegajt, fil-fehma tagħna, huwa t-test li

jirrifletti l-iskop u l-intenzjoni ta' meta ġiet promulgata l-leġiżlazzjoni inkwestjoni.

Għalhekk permezz ta' din l-emenda b'dan l-Abbozz ta' Liġi issa qed indaħħlu ċ-ċertezza u nikkjarifikaw li mhux neċessarjament ikun hemm atti b'mod kumulattiv offensivi, umiljanti u intimidatorji, iżda titwettaq l-offiża kemm-il darba jkun hemm waħda jew oħra minn dawn iċ-ċirkostanzi. Bħala retroxena rrid ngħid li f'Marzu 2023 il-Qorti Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, korrettement issenjalat din id-diskrepanza fit-test. Ovvjament, bħala Ministru għall-Ġustizzja ġejt notifikat li kien hemm bżonn emenda u kjarezza fl-artikolu 29 li qed nitkellmu dwaru llum.

Diġà spjegajt u għamilt referenza għal din id-diskrepanza bejn it-test Ingliż u t-test Malti. Għalhekk qed ngħidu li din hija bidla żgħira imma hija bidla sinifikanti ħafna, għaliex, kif ngħidu, anke comma fil-liġi taf tagħmillek differenza, aħseb u ara f'dan il-każ fejn qed nitkellmu dwar il-konġunzjoni "jew".

Ġejt ukoll mistoqsi minn ġurnali lokali għar-reazzjoni u l-kummenti tiegħi. Mill-ewwel kont esprimejt li, kif anke ġie rrapportat fil-ġurnali, mingħajr ma konna se nidħlu fil-mertu tal-każ inkwistjoni li dwaru saret il-komunika tas-sentenza, diġà konna qegħdin nanalizzaw din is-sitwazzjoni. Dan għaliex, anke kif għedt dakinhar u għadni nemmen u nsostni llum, bħala Gvern irridu li, irrispettivament mill-ġeneru u s-sess ta' kull individwu, kulħadd iħossu komdu u sigur li jmur għall-ġurnata tax-xogħol tiegħu jaqla' l-għajxien tiegħu. Għalhekk mill-ewwel ħadna din in-nota b'interess u beda x-xogħol intern. Tkellimt mas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul biex niżguraw li din id-diskrepanza f'dan l-Att tiġi indirizzata.

B'hekk illum wasalna biex inressqu din l-emenda minima quddiem il-Parlament imma kif qed nispjega, importanti, għaliex, kif rajna, kellna sitwazzjoni ta' applikabilità tal-liġi f'kontest ta' każ. Din l-emenda qed issir biex tingħata aktar protezzjoni lill-individwi u, kif diġà għidt, għall-fini ta' aktar ċertezza legali. L-inqas ħaġa li rridu ċertament, u naħseb li nkun qed nirrifletti s-sentiment tal-Kamra kollha, hija li jkollna sitwazzjoni fejn ma jsirx ħaqq u ma tiġix servuta l-ġustizzja għax ikun hemm diskrepanza bejn it-test tal-liġi bil-Malti u t-test tal-liġi bl-Ingliż. Irridu li ssir ġustizzja, partikolarment mal-vittma, imma ngħid ukoll mas-soċjetà inġenerali, għax dawn huma tipi ta' offiżi li mhuma mixtieqa fl-ebda soċjetà żviluppata u moderna bħal pajjiżna.

Sur President, f'dan il-kontest ippermettili nagħmel referenza għall-fatt li dan id-dibattitu jikkonċidi wkoll bħala sfond mas-16-il jum ta' attiviżmu kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Fl-24 ta' Novembru rajna lis-Segretarju Parlamentari Rebecca Buttigieg tniedi l-ftuħ ta' 16-il jum ta' kampanja kontra l-vjolenza domestika. Nhar il-Ħadd li ġej, l-10 ta' Diċembru, se jinzerta wkoll il-Human Rights Day, li hija rikonoxxuta madwar id-dinja kollha. Nixtieq nirreferi wkoll għall-kampanji ta' għarfien li tagħmel in-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) li tippromwovi l-għajnuna għal min sfortunatament ikun għaddej, għadda jew eventwalment jaf jgħaddi minn sitwazzjonijiet ta' fastidju sesswali jew fastidju fuq il-post tax-xogħol. Dan għandu jagħmel kuntatt mal-Kummissjoni u ma jiddejjaqx jersaq 'il quddiem.

Il-fastidju fuq il-post tax-xogħol huwa azzjoni li tfixkel l-ugwaljanza u, fuq kollox, tfixkel il-benesseri fuq il-post tax-xogħol. Dawn it-tip ta' azzjonijiet huma magħrufa li għandhom konsegwenzi serji kemm għall-ħaddiem innifsu, għal min iħaddem u anke għas-soċjetà li tara sitwazzjonijiet ta' dan it-tip jiżvolġu u jxekklu s-serenità ta' individwu fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Dan jista' jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa tan-nies, il-prestazzjoni tax-xogħol tagħhom u anke s-suċċess li jkunu qegħdin jaspiraw għalih bil-ħidma u l-impenn tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk il-fastidju fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ttrattat b'mod serju u b'mod responsabbli. Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi ħassejna li ġaladarba ġejna akonoxxenza ta' din id-diskrepanza li tista' tħalli effett biex tiġi servuta l-ġustizzja, ma stajniex ma nagħmlux dan l-intervent leġiżlattiv biex nindirizzaw din id-diskrepanza.

Sur President, irrid ngħid ukoll li mill-aspett ta' diċitura ta' liġijiet, ikun hemm sitwazzjonijiet ta' dan it-tip. Għalhekk għaddej eżerċizzju interessanti ħafna mill-Kummissarju tal-Liġijiet u fiż-żmien li ġej se nkun f'pożizzjoni li nressqu dawn it-tipi ta' interventi fil-Parlament li huma neċessarji u li ġew senjalati matul is-snin. Din hija sitwazzjoni ta' diversi liġijiet li ġew promulgati tul l-istorja legali ta' pajjiżna, b'uħud minnhom li jiġu riveduti u emendati minn żmien

għal żmien minn din il-Kamra. Hemm numru ta' żbalji, biex ngħidu hekk, li rriżultaw matul is-snin li jimmeritaw li jiġu indirizzati. Però, mill-banda l-oħra, meta jkollok sitwazzjoni bħal din, partikolarment meta kellek anke pronunzjament tal-Qorti f'sentenza li ġiet senjalata lilna li hemm din id-diskrepanza li b'xi mod jew ieħor setgħet ħalliet effett fuq il-fatt li tiġi servuta l-ġustizzja, ma stajniex ma nagħmlux dawn l-emendi u nressquhom f'dan il-Parlament. Nirringrazzjak.

**ONOR. CARMELO ABELA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Darren Carabott.

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-Onor. Ivan Castillo, li huwa l-kelliem ewlieni fuq dan is-settur min-naħa tal-Oppożizzjoni, però kkonċedieli dan il-ħin minħabba impenji oħra li għandi wara li nispiċċa dan id-diskors.

Nixtieq nibda billi nispjega għalfejn qegħdin nagħmlu din l-emenda. Kif spjega l-Ministru, din hija emenda żgħira imma importanti. Forsi hemm min jgħid li hija kelma waħda biss li qiegħda tiġi emendata, però fil-verità din il-kelma tfisser ħafna. Hawn tajjeb nagħtu spjega ta' x'wassal għal din l-emenda u l-effett li se tħalli fuq il-liġi kif miktuba.

F'Marzu 2023 fil-Qrati tagħna kellna sentenza fejn, minħabba kelma fil-liġi, naqset milli tingħata l-ġustizzja u naqas li jkun hemm kundanna ta' aġir li mhuwiex aċċettabbli. Kelma! Dan għaliex fil-liġi tagħna kellna l-kelma "u" minflok "jew" fir-rigward ta' xi ħadd li jista' jinstab ħati ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Forsi wieħed jgħidli: Imma kelma waħda? Iva, kelma waħda! Dan minħabba l-mod kif inhi strutturata l-liġi, fejn għandek li l-aġir irid ikun "offensiv, umiljanti u intimidatorju". F'dan il-każ kellna Imħallef li qaltilna li dawn it-tliet affarijiet, jiġifieri "offensivi, umiljanti u intimidatorji", ma nstabux kollha f'dan il-każ partikolari li kien hemm il-Qorti, imma nstabu tnejn minnhom. Għalhekk minħabba l-mod kif tiġi interpretata b'mod restrittiv il-liġi tagħna fil-qasam punittiv u kriminali, il-Qorti bilfors kellha tirrikorri għal sentenza li tillibera minħabba dan in-nuqqas ta' ċarezza fil-liġi tagħna. Huwa għalhekk li l-Gvern qed jipproponi li minflok il-kelma "u" ikollna sostituzzjoni tagħha u tiġi "jew" jiġifieri minflok "offensivi, umiljanti u intimidatorji" ikollna liġi li tiġi taqra "offensivi, umiljanti jew intimidatorji".

Kif semmejt, fil-qasam penali fir-rigward tal-liġi kriminali hemm numru ta' ġurisprudenza u l-mod kif wieħed jinterpreta l-liġi jrid ikun konċiż u ċar u fl-istess ħin jirrispetta d-drittijiet tal-akkużat. Mela, bħalma diġà rriżulta fis-sentenza li kellna, jidher li kien hemm nuqqas. Issa, agħar minn hekk, hawn qed nitkellem mil-lat leġiżlattiv. Meta wieħed iħares lejn l-Att bit-test Ingliż isib li dan huwa korrett għaliex għandek il-kelma "or". Mela dak li qegħdin nemendaw illum huwa diskrepanza bejn il-liġi kif miktuba bil-Malti u l-liġi kif miktuba bl-Ingliż. Fil-liġi tagħna dejjem ngħidu li meta għandek diskrepanza bejn il-liġi bit-test Ingliż u l-liġi bit-test Malti, jipprevali dejjem it-test bil-Malti. F'dan il-każ, minħabba l-mod kif kienet interpretata din il-liġi partikolari, il-Qorti kellha tillibera lill-persuna minħabba dan in-nuqqas ta' kjarezza.

Kif qed ngħid, Sur President, f'dan il-każ partikolari dawn it-tliet elementi ma setgħux jinstabu kollha, imma l-Qorti qalet li hemm tnejn minnhom biss. Issa ftit ilu kont qed nitkellem dwar din il-liġi mal-Onor. Ivan Castillo u mal-Onor. Karol Aquilina, li jipprattika fil-Qrati tagħna. Meta konna qegħdin nitkellmu bejnietna qajjimna l-punt, u nirringrazzjahom talli qajmu dan il-punt, li bħalma kellna l-Qorti li, biex ngħid hekk, ikkundannatna b'mod leġiżlattiv li hemm nuqqas fil-liġijiet tagħna u l-liġi kellha tiġi interpretata favur l-akkużat li lliberatu għax ma nstabx ħati, ejja noqogħdu attenti li nkunu ċari f'dak li qegħdin nemendaw. Qed ngħid dan biex ma jmurx jagħti lok li ż-żieda tal-kelma "jew" issa tiġi tfisser li waħda minn dawn biss għandha tinstab u mhux it-tlieta biex ikun hemm kundanna.

Huwa importanti li meta naslu fi stadju ta' Kumitat nikkjarifikaw u nirranġaw il-liġi sabiex tkun ċara kemm jista' jkun b'tali mod li tindika li waħda minnhom jew aktar, u mhux il-kelma "jew" biss. Dan għaliex jista' jagħti lok li l-liġi tiġi interpretata b'tali mod li jkun hemm bżonn li tinstab waħda biss minn dawn it-tlieta, jiġifieri "offensivi, umiljanti jew intimidatorji". Issa jekk ikun hemm tnejn minnhom? Jew jekk ikun hemm tlieta minnhom? Qed inqajjem dan il-punt sempliċement sabiex ikun ċar kif il-liġi tista' tiġi interpretata. Hawn irridu nfissru li waħda jew aktar minn dawn it-tlieta tista' twassal għall-kundanna. Dan huwa punt sabiex intejbu s-

sistema ġudizzjarja tagħna. Anke jekk wieħed iħares lejn il-proċess leġiżlattiv ... Dan il-każ seħħ f'Marzu u l-emenda għal-liġi qed tiġi diskussa llum, f'Diċembru. Għalhekk nemmen li dan il-proċess m'għandux idum fil-proċess parlamentari imma għandna ngħaddu din l-emenda kemm jista' jkun malajr.

Ladarba qed nitkellmu fuq il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, se nirreferi wkoll għal liġi li sfortunatament għadha fuq l-ixkaffa. Kif għidt, bħala Oppożizzjoni se nkunu qegħdin nagħtu l-appoġġ tagħna sabiex din il-proposta ta' liġi tidħol fis-seħħ. Però rrid insemmi wkoll li l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Graziella Attard Previ, f'isem il-grupp parlamentari tal-Oppożizzjoni, ippreżentaw Abbozz ta' Liġi fir-rigward tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Ir-regoli tal-Kamra jippermettu li l-Oppożizzjoni jkollha biss jumejn f'sena sħiħa sabiex tressaq mozzjoni u jkollha l-ġurnata tal-Ħamis sabiex tressaq abbozz ta' liġi quddiem il-Kamra.

Għalhekk qegħdin nistennew li dan l-Abbozz ta' Liġi, li ppreżentajnieh f'Marzu li għadda, jitressaq għad-diskussjoni fil-Parlament. L-għan hu li nsaħħu dak li qegħdin nagħmlu bħala policies kontra l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. (Onor. Membri: Hear, hear). Permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi qed ngħidu li jkun hemm obbligu bil-liġi li f'postijiet tax-xogħol fejn għandhom 50 ħaddiem jew aktar, ikun hemm policy kontra l-fastidju sesswali. Ovvjament, min-naħa leġiżlattiva kif ukoll mill-awtoritajiet u l-entitajiet irridu ngħinu lil dawn il-postijiet tax-xogħol biex iħaddmu din il-liġi.

Ejja nuru li għandna tolleranza żero għall-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol! Bħalma fuq dan l-Abbozz ta' Liġi li qed niddiskutu llum bħala Oppożizzjoni qed naqblu, jien nistieden lill-Membri tal-Gvern biex huma wkoll jaqblu dwar l-Abbozz ta' Liġi ppreżentat mill-Oppożizzjoni, ħalli nressquh quddiem dan il-Parlament u ma ntawlux biex indaħħluh fis-seħħ. B'hekk il-ġustizzja f'pajjiżna tkompli tissaħħaħ. Ejjew ningħaqdu flimkien, għax dawn mhumiex kwestjonijiet ta' blu jew aħmar. Jekk inħarsu lejn l-istatistika nsibu li wieħed minn kull tliet każijiet ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol ma jiġux irrapportati. Dan jiġri għax ikun hemm element ta' biża' jew, skont l-istudjużi, jista' jiġri minħabba nuqqas ta' informazzjoni ta' kif wieħed jista' jirrapporta dawn il-każijiet. Fejn jidħol in-nuqqas ta' informazzjoni, ma taħsbux li aħna, bħala leġiżlaturi li għandna ħames snin ċans, għandna malajr kemm jista' jkun indaħħlu abbozz ta' liġi sabiex indaħħlu b'mod legali obbligatorju li fuq il-postijiet tax-xogħol fejn hemm aktar minn 50 persuna, ikun hemm policy kontra l-fastidju sesswali?

Issa għalkemm qed ngħidu li l-obbligu legali japplika għal postijiet tax-xogħol li għandhom 'il fuq minn 50 ħaddiem u hemm id-Direttiva li tindika wkoll dan in-numru, mhux qed ngħidu li dawk li għandhom 49 ħaddiem jew inqas m'għandhomx idaħħlu dawn il-policies. Anzi, bħala Oppożizzjoni għedna kemm-il darba li rridu nimbottaw li jkun hemm policies kontra l-fastidju sesswali fuq kull post tax-xogħol. Però wieħed irid jifhem ukoll il-limitazzjonijiet fejn ikollok post tax-xogħol li m'għandux daqstant numri kbar ta' ħaddiema. Ovvjament, meta se tkun qed iddaħħal dawn it-tip ta' regoli hemm numru ta' kwestjonijiet burokratiċi li jfissru aktar spejjeż u piż fuq min iħaddem.

Nerġa' ngħid, il-liġi kontra l-fastidju sesswali qiegħda hemmhekk, se tibqa' hemmhekk u l-fastidju sesswali huwa reat kriminali. Fil-fatt illum qed niddiskutu dan l-Abbozz ta' Liġi sabiex inkomplu nsaħħu l-liġi. Però ma' din il-liġi li tagħmel il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol reat, għandna naraw li ndaħħlu prevenzjoni qabel ma jiġri l-fastidju. B'hekk ikun hemm saffi ta' kif wieħed għandu jilqa' qabel ma naraw każijiet ta' fastidju sesswali jiġru fuq il-post tax-xogħol. L-appell tiegħi għal darb'oħra huwa għalfejn ma naqbdux din il-proposta pożittiva li qed tiġi min-naħa tal-Oppożizzjoni, inressquha fil-Parlament, u naraw li tidħol fis-seħħ? Dan sabiex naraw li l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol ma jsir qatt.

Kif semmejt, l-istatistika turi li terz tal-każijiet ma jiġux irrapportati minħabba element ta' biża' jew nuqqas ta' informazzjoni. L-istatistika turi wkoll li tlieta minn kull erba' nisa huma esposti għal fastidju sesswali. Dan qed tgħidu l-istatistika mhux l-Oppożizzjoni. Kellek studjużi li għamlu r-riċerka u ħarġu bil-proposti tagħhom. Huwa inkwetanti li tlieta minn kull erba' nisa fuq il-post tax-xogħol ġew esposti għal fastidju sesswali. Mela qed naraw dawn in-numri xejn inkoraġġanti, li fl-aħħar mill-aħħar iħallu timbru fuq il-ħajja tal-mara fuq il-post tax-xogħol, anzi jien ninkludi lil persuni ta' kull sess, li jfisser li għal kull ġurnata li qegħdin nonqsu milli ndaħħlu mekkaniżmi u obbligi ta' policies u liġijiet li

jsaħħu l-ġlieda tagħna flimkien kontra l-fastidju sesswali, hija ġurnata inqas ta' ġustizzja u serħan il-moħħ fuq il-post tax-xogħol. Ifisser ġurnata inqas milli jkollok persuna li tgħix ħajjitha fuq il-post tax-xogħol kif jixirqilha mingħajr biża' u bl-informazzjoni kollha mogħtija lilha bil-liġi. Għalhekk, meta l-Gvern ressaq din il-proposta, min-naħa tal-Oppożizzjoni qegħdin naqblu u qed nirrimarkaw dwar kwestjoni teknika legali sabiex inkomplu ntejbuha u ma nħallux dubju fuqha.

Ovvjament dan ifisser li mbagħad irid jiġi emendat anke t-test Ingliż biex ma nħallu l-ebda dubju. Dan qed ngħiduh f'sens ta' għaqda. Forsi min isegwi l-politika Maltija dejjem jara l-Oppożizzjoni u l-Gvern qishom xi forma ta' kelb u qattus. Però f'dawn il-kwestjonijiet allaħares jiġri hekk! Dawk li jsegwu l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi (PAC) jaraw kif inkunu s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul u jien, però mill-mod kif qed jirreaġixxi l-Onor. Ellul għad-diskors tiegħi, jidher li hemm qbil kemm mill-Oppożizzjoni kif ukoll mill-Gvern dwar id-direzzjoni li se mmorru fiha. Dan sabiex il-Parlament tagħna jingħaqad fil-ġlieda kontra l-fastidju sesswali li huwa l-għan tal-Abbozz ta' Liġi li qed jippreżenta l-Gvern.

Sur President, minn hawnhekk nagħmel l-istedina, li bħalma qed naraw li l-Oppożizzjoni tilqa' dak li qiegħed jipproponi l-Gvern, hekk ukoll il-Gvern għandu jilqa' l-Abbozz ta' Liġi li ppreżentajna bħala Oppożizzjoni u li ilu jistenna minn Marzu fuq l-ixkaffa, l-istess żmien li ilha li ngħatat is-sentenza dwar dik il-persuna vittma ta' fastidju sesswali. L-Oppożizzjoni ressqet Abbozz ta' Liġi pożittiv, għax irridu li fuq il-postijiet tax-xogħol ikun hemm policies li bl-għajnuna tal-awtoritajiet u l-entitajiet jitħaddmu b'mod tajjeb, sabiex nassiguraw li jkun hemm id-drittijiet tal-ħaddiem assigurati fil-ġlieda kontra l-fastidju sesswali. L-istedina tiegħi hija sabiex mhux biss ningħaqdu fuq dan l-Abbozz ta' Liġi ppreżentat mill-Gvern iżda għandna ningħaqdu wkoll fuq l-Abbozz ta' Liġi ppreżentat mill-Oppożizzjoni kontra l-fastidju sesswali. Nirringrazzjak.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, l-Onor. Darren Carabott ħadli l-battuta politika għaliex kont se niftaħ id-diskors tiegħi billi ngħid li min isegwi l-PAC jaf li ma tantx inħalluha lixxa lil xulxin! Però naqbel miegħu li għandna nibqgħu nsaħħu l-liġijiet fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt, fl-aħħar laqgħa li kelli tal-Malta Council for Economic and Social Development (MCESD) iddiskutejna dak li jissejjaħ work plan u elenkajt x'beħsiebni nkun qiegħed inressaq għad-diskussjoni. Nafu li kull liġi li tmiss il-qasam industrijali trid l-ewwel tiġi diskussa mal-imsieħba soċjali. Waħda mit-temi kienet il-benesseri fuq il-post tax-xogħol, li jinkludi s-saħħa mentali, il-bullying u l-fastidju sesswali.

Għalhekk se nkunu qed nikkonsidraw din it-tema. Proprjament kont se namplifika aktar fuqha llum għaliex kelli diskursata interessanti mal-fundatur tal-NGO bBrave, li qed tagħmel xogħol tajjeb ħafna anke f'dan il-qasam. Se nkun qed nispjega aktar dwar dan aktar 'il quddiem. Iva, qed naqblu li bħala leġiżlaturi nistgħu ntejbu, speċjalment fejn jidħlu l-liġijiet industrijali li jolqtu l-ħaddiema tagħna, u hekk se nkunu qegħdin nagħmlu. Sur President, minn Marzu kellna aġenda ppakkjata. Naħseb l-istatistika titkellem waħedha. Mhux se ngħid li kien l-aktar perjodu fejn għaddejna liġijiet, imma naħseb li hemm qegħdin.

Tajjeb ngħidu, sabiex inserrħu ras in-nies li qed isegwuna, li l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali diġà jaħseb biex jagħmel il-fastidju sesswali reat. Huwa proprju dak l-Att li qegħdin nemendaw, wara s-sentenza li ngħatat mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kriminali sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn donnha riedet tinterpreta l-liġi b'tali mod, anke skont it-test Ingliż, imma kellha jdejha marbutin għaliex il-liġi fit-test Malti trid tiġi interpretata b'mod restrittiv. Hawn se nieħu spunt minn dak li ntqal ilbieraħ f'din il-Kamra dwar il-proċess parlamentari. Naf li l-membri taż-żewġ naħat tal-Kamra jafu kif jaħdem il-proċess parlamentari, imma tajjeb li nispjega l-mod kif tgħaddi liġi mill-Parlament.

L-emenda li qed inressqu llum mhijiex issegwi l-prassi parlamentari konvenzjonali kif nafuha aħna. Ġeneralment meta tressaq liġi jrid ikollok il-mandat biex tagħmilha, li ġeneralment joħroġ mill-manifest elettorali tal-partit li jkun fil-gvern. Tibda billi tressaq l-abbozz ta' liġi biex jiġi kkonsidrat mill-Kabinett, imbagħad dak l-abbozz ta' liġi jitressaq il-Parlament għall-Ewwel Qari, fejn jinqara t-titolu tiegħu. Wara jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern biex jingħata dak l-element ta' pubbliċità. Kif taf is-Sedja, minkejja li l-Gvern m'għandux għalfejn, hemm

gentlemen's agreement li nħallu sebat ijiem jgħaddu biex l-Oppożizzjoni jkollha ċ-ċans tara dak l-Abbozz ta' Liġi.

Ġaladarba l-abbozz ta' liġi jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, dan jitqiegħed fuq l-aġenda tal-Parlament għat-Tieni Qari. Imbagħad *sta* għall-Gvern, ovvjament dejjem bi qbil mal-Oppożizzjoni, li tibda d-diskussjoni. Hawn irrid ngħid li minkejja li f'din il-Kamra jkollna battuti politiċi u argumenti, però b'kunfidenza ngħid li aktar minn 90% tal-liġijiet jgħaddu b'mod unanimu. Tajjeb li nirrikonoxxu x-xogħol li jsir f'din il-Kamra. Meta mbagħad dak l-abbozz ta' liġi jitqiegħed għat-Tieni Qari, hemmhekk tibda d-diskussjoni bħalma qed nagħmlu llum.

Il-Ministru jiftaħ id-dibattitu, isegwu l-kelliema fejn jitkellem min irid skont l-Ordnijiet Permanenti u mbagħad, kif jingħalqu d-dibattiti, isir dak li jissejjaħ winding up. Mit-Tieni Qari ngħaddu għall-istadju ta' Kumitat, fejn hemmhekk nixtarru bir-reqqa klawsola klawsola ta' dak l-abbozz ta' liġi. Imbagħad l-abbozz ta' liġi jgħaddi għat-Tielet Qari fejn jittieħed biss il-vot u jiġi approvat. Finalment il-liġi kif mgħoddija mill-Parlament tingħata l-kunsens u tiġi ffirmata mill-President tar-Repubblika ta' Malta, tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u tidħol fis-seħħ.

Issa dak li qed naraw illum huwa ftit differenti. Il-Qorti Kriminali, f'dan il-każ l-Imħallef li ppresieda, innotifika lill-Ministru għall-Ġustizzja b'din id-diskrepanza teknika fil-liġi. Kien għalhekk li għidt li dan mhuwiex il-mod konvenzjonali kif jitressaq abbozz ta' liġi. Il-Gvern, meta ġie ffaċċjat b'din is-sitwazzjoni, ressaq din il-kwestjoni quddiem il-Kabinett u ddeċidejna li nemendaw il-liġi. Fi ftit kliem, fil-liġi eżistenti li għandna li tirregola l-fastidju sesswali hemm diskrepanza fis-sens li t-test Malti ma jikkorrispondix mat-test Ingliż.

Il-liġi ssemmi tliet elementi ta' atti li huma offensivi, umiljanti u intimidatorji fuq persuna oħra, dak li ġeneralment jissejjaħ fastidju sesswali, u tgħid li jridu jkunu b'mod kumulattiv, jiġifieri jridu jissussistu t-tlieta flimkien. Dan ifisser li jekk ma jkunx hemm it-tlieta li huma, il-Qorti tiġi f'sitwazzjoni li trid tillibera. Għalhekk qed ngħidu li, kif qed jiġi rrakkomandat, m'hemmx għalfejn li t-tliet elementi jissussistu f'daqqa biex tinstab ħtija. Biex inserraħ ras anke l-Onor. Carabott li għamel punt tajjeb ħafna legalment, jekk ikollok element wieħed biss li jiġi pprovat li jkun jew offensiv, jew umiljanti, jew intimidatorju, il-Qorti tista' ssib ħtija. Kien għalhekk li ħassejna li kellna mmexxu 'l quddiem biex nemendaw il-liġi.

Sur President, se nagħti ftit statistika li ġbart mit-Tribunal Industrijali dwar min ikun vittma ta' fastidju sesswali. Subartiklu 29(2) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li jgħid hekk:

> "L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju sesswali lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal ... billi –
>
> (a) jassoġġetta l-vittma għal att ta' intimità fiżika; jew
>
> (b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew
>
> (ċ) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn –
>
> (i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn il-vittma;".

Persuna li tallega li tkun vittma ta' fastidju sesswali għandha erba' xhur ċans mill-allegat abbuż li tippreżenta lment quddiem it-Tribunal Industrijali. Jekk it-Tribunal Industrijali jkun sodisfatt li l-ilment ikun ġustifikat, hu jkun jista' jieħu dawk il-miżuri li jidhirlu xierqa u jordna l-ħlas tal-kumpens għat-telf u d-dannu li tkun sofriet il-parti leża, jiġifieri l-parti aggravata. Kull azzjoni meħuda minn persuna li tkun vittma, li tkun għamlet ilment quddiem it-Tribunal Industrijali hija mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tieħu skont il-liġi.

Però mbagħad għandna liġi oħra li hija l-Liġi Sussidjarja Nru 452.95, Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjieg. Anke hawnhekk, regolament 3, subinċiż (5) jgħid:

> "Ebda persuna ma għandha tagħti fastidju sesswali lil xi persuna oħra billi tassoġġettaha għal xi forma ta' mġiba jew

> talba bil-fomm, mhux bil-fomm jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali, meta dik l-imġiba jew talba jsiru bl-iskop, jew ikollhom l-effett, li jmorru kontra d-dinjità tal-persuna li tiġi assoġġettata b'dak il-mod, partikolarment meta jinħoloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv għall-persuna li tiġi assoġġettata b'dak il-mod."

Hawnhekk huwa obbligu fuq il-prinċipal li jieħu miżuri effettivi sabiex jimpedixxi kull forma ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, partikolarment il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, fl-aċċess għal xi impjieg u fit-taħriġ vokazzjonali u fil-promozzjoni ta' dan. Bħal fil-każ tal-Att prinċipali, persuna li tallega li ġiet soġġetta għal dan it-trattament diskriminatorju dirett u indirett fir-rigward tal-impjieg tagħha, ikollha wkoll erba' xhur ċans biex tirreferi l-każ tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali. Fil-każ ta' persuna li tallega li xi persuna oħra tkun għamlet fir-rigward tiegħu jew tagħha xi att illegali taħt dawn ir-regolamenti, apparti li jkollha żmien erba' xhur biex tmur quddiem il-Qorti kompetenti, hawnhekk qed ngħidu anke ta' ġurisdizzjoni ċivili, l-oneru tal-prova jdur fuq il-persuna li kontriha jkun qed jiġi allegat li għamlet dan l-att abbużiv. Dan ifisser li trid tipprova hi li ma kinitx diskriminatorja. F'każ li l-konvenut ma jipprovax li ma għamilx atti diskriminatorji, hemmhekk jinstab ħati.

Se nagħti ftit statistika li ġbart mit-Tribunal Industrijali. Mill-2008 kien hemm erba' każi li tressqu quddiem it-Tribunal fuq fastidju sesswali, li kollha kienu mressqa min-nisa. Każ li tressaq fl-2008 ġie deċiż fl-2010 favur min ressqu. Każ li tressaq fl-2013 ġie deċiż fl-2016 u nqata' kontra min ressqu, jiġifieri ma ġiex ipprovat li kien hemm fastidju sesswali. Fl-2014 daħal każ wieħed biss u fl-2015 daħal każ ieħor, liema żewġ każijiet għadhom qed jinstemgħu.

Forsi wieħed jgħidli: Dan id-dewmien huwa ġustifikat? Id-dewmien qatt mhu ġustifikat. Din ovvjament mhijiex stampa reali ta' kemm għandna każijiet ta' fastidju sesswali f'pajjiżna. Hawnhekk qed nitkellmu fuq fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Jista' jkollok fora oħra fejn dawn il-każijiet jiġu riżolti, imma hawnhekk qed nitkellem dwar l-istatistika tat-Tribunal Industrijali.

Sur President, illum kelli diskursata interessanti ħafna ma' dak li waqqaf l-NGO bl-isem ta' bBrave, l-Avukat Aaron Zammit Apap, li inċidentalment konna l-Università flimkien. Din l-NGO ilha mwaqqfa għal dawn l-aħħar seba' snin u hija fuq bażi volontarja, fejn disa' persuni rnexxielhom jagħmlu l-mirakli. Dawn saħansitra waqqfu l-anti-bullying week, li tant għandha rikonoxximent bħalissa, u kkummissjonaw studju flimkien mal-Gvern, bis-saħħa ta' fondi Ewropej u diversi għaqdiet oħra li kollha appoġġjaw dawn l-istudji. Din l-NGO ħarġet dokument li se npoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra, liema dokument ġibtu mill-website tagħhom stess, jiġifieri qiegħed fid-demanju pubbliku. Dan iġib l-isem *Research Study on Bullying and Ostracism at the Workplace in Malta.* Għaldaqstant se nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Dokument bl-isem *Research Study on Bullying and Ostracism at the Workplace in Malta* maħruġ mill-NGO bBrave f'Novembru 2023.

Minn hawn nista' nħabbar li f'Jannar 2024 se nkun qed nistieden lil din l-organizzazzjoni fl-MCESD biex bil-preżentazzjoni tagħhom inkomplu nqajmu għarfien dwar dan is-suġġett tant sensittiv. Dan l-istudju kien fuq bullying fuq il-post tax-xogħol. Irrid ngħid li huwa studju dettaljat immens, li jidħol saħansitra fuq kif dan jaffettwa l-prodott domestiku gross tal-pajjiż u r-retention of workers, jiġifieri ż-żamma tal-ħaddiema. Qed nara lill-Onor. Castillo, li kien preżenti wkoll għall-konferenza fejn ġie ppreżentat dan l-istudju li kien maqsum fuq ħames pilastri. L-ewwel sar l-istudju, imbagħad kien hemm il-workshops, wara saret kampanja ta' għarfien, u mbagħad għalqu dan l-istudju permezz ta' konferenza. Irrid ngħid li huwa studju ta' min ifaħħru.

Fil-fatt minn dan l-istudju ħareġ li bħala employer se tiswik inqas jekk ikollok policy kontra l-bullying fuq il-post tax-xogħol għaliex se jkollok aktar workers retention, jiġifieri li ħaddiem jibqa' jaħdem miegħek. Huwa sabiħ ħafna li f'din il-Kamra, meta qed niddiskutu ċerti liġijiet, inwarrbu fil-ġenb l-aħmar u l-blu u l-battuti partiġjani u nitkellmu biex naraw kif se nsaħħu l-liġijiet tagħna, speċjalment dawk li jirrigwardaw sitwazzjonijiet li jistgħu jirrovinawlek ħajtek. Illum mhux kulħadd huwa sensittiv l-istess u mhux kulħadd jiflaħ kritika l-

istess għal xi forma ta' bullying. Jista' jkun li l-employer ma jkunx qed jirrealizza li qed jirrikorri għal tattiċi ta' bullying.

Issa kif qed ngħid, dan l-istudju sab li dan kollu jorbot maż-żamma tal-ħaddiema. Dan għaliex jekk inti għandek persuna li telqitlek minn fuq il-post tax-xogħol minħabba bullying, imbagħad se jkollok ċiklu fejn min jibda jeħodlok is-sick leave u min jibda jitħajjar u jagħmel il-kuraġġ biex jitlaq. Għalhekk minn dan l-istudju ħareġ li tiswik inqas jekk ikollok policy kontra l-bullying fuq il-post tax-xogħol. Hawn ma nistax ma naqbilx ma' ċerti proposti li jkollok policies f'dan is-sens.

Fil-fatt l-NGO stess fuq il-website tagħha għandha anti-bullying policy li qiegħda online. Milli stajt nifhem tqabbdet xi esperta Amerikana biex ħarġu b'din il-policy. Minn riċerka li għamilna f'dan il-qasam irriżulta li biex tagħmel policy llum tiswiek minn tal-inqas €5,000 u din l-NGO għandha din il-policy aċċessibbli għal dak l-employer li jrid jużaha. Ovvjament forsi tiġi addattata għat-tip ta' operat li wieħed ikun qed jopera fih imma din qiegħda hemmhekk online. L-NGO bBrave l-ewwel għamlet studju biex jaraw kemm il-bullying u l-ostracism, fejn dak li jkun jiġi mwarrab fuq il-post tax-xogħol, huwa frekwenti.

Hawn ikun tajjeb li wieħed jistaqsi: Jekk huwa frekwenti, għaliex? B'liema mod? Kif qed isir dan? Qed isir b'mod fiżiku, b'mod psikoloġu, bl-għajjat jew b'mod manipulattiv? X'inhuma l-effetti tiegħu, jekk humiex fuq il-post tax-xogħol, u allura jekk dan hux qed jaffettwa l-produttività u l-kompetittività? Dan l-istudju tant daħal fil-fond - nista' nsemmi lill-PwC li ħadu ħsieb dan ir-rapport - li ra wkoll x'inhu l-effett tiegħu fuq il-prodott domestiku gross tal-pajjiż. Waħda mill-mistoqsijiet kienet dwar x'jagħmlu l-persuni meta jkunu vittmi ta' bullying; jekk jirrapportawx jew le. Jekk iva, fejn jirrapportaw u, jekk le, għalfejn ma jirrapportawx? Jekk ifittxux l-għajnuna u, jekk iva, fejn ifittxuha? Dawn kollha huma issues li wieħed tajjeb li jesplora. Minn dan l-istudju joħroġ li aktar minn 60% tal-workforce Maltija jaħsbu li jeżisti xi forma ta' bullying fuq il-post tax-xogħol. Hemm 40% li jgħidu li kien hemm xi forma ta' bullying fil-konfront tagħhom u saħansitra 9% tal-workforce qalu li ħasbu biex jagħmlu atti ta' ħsara fuqhom infushom, ħalli ma namplifikax iżżejjed, kaġun ta' dan il-bullying.

Għalhekk parti mill-ħidma tiegħi fl-2024 se tkun iffokata fuq il-benesseri tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Dan huwa konċett li jiġbor fih is-saħħa mentali, il-bullying u l-fastidju sesswali. Qed ngħid dan għaliex minn kemm ilni Segretarju Parlamentari responsabbli minn dan il-qasam nattendi għal diversi laqgħat tal-imsieħba soċjali, u l-laqgħat spiss ikunu dominati minn temi aktar iffokati fuq id-dinja tan-numri, jiġifieri l-mod kif se tkabbar il-produttività, x'inhu l-effett tal-innovazzjoni biex tibqa' kompetittiv, kemm se tibqa' kompetittiv u jekk se tinvesti fit-taħriġ, x'se jkunu r-riżultat. Ovvjament nitkellmu wkoll fuq pjanijiet ta' direzzjoni ta' negozji, l-intelliġenza artifiċjali u l-awtomazzjoni.

Però naħseb li issa wasal iż-żmien li anke aħna bħala Gvern xellugi, nagħtu aktar input fuq l-aspett umanitarju tad-dinja tax-xogħol. Jekk qed nitkellmu fuq iż-żamma tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol, tajjeb li nifhmu li jekk ikollok bullying jew elementi ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol, il-produttività se tiġi affettwata b'mod sinifikanti. Għalhekk jidhirli li għandna bżonn li minkejja li nibqgħu nagħfsu fuq ċerti aspetti tax-xejra ekonomika, tajjeb li nindirizzaw id-dinja tax-xogħol mill-aspett umanitarju. Fl-2024 se nkomplu nixprunaw 'il quddiem diskussjonijiet b'temi soċjali.

Emendi bħal dawn li jmissu mad-dinja tax-xogħol mhux biss huma neċessarji imma għandna nibqgħu nkunu proattivi u mhux reattivi, għaliex il-pajjiż jiddependi mill-ħaddiema. Huwa importanti ħafna li nitkellmu fuq il-benesseri tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol sabiex ikollna ħaddiema li jkunu għal qalbhom waqt ix-xogħol tagħhom. Dan jirrifletti wkoll fuq il-produttività. Jekk kumpanija jkollha l-produttività, se tkun aktar kompetittiva. Għalhekk politikament inħobbu ngħidu li aħna Gvern tal-ħaddiema imma wkoll ta' min iħaddem, għaliex jekk min iħaddem ma jkollux workforce reżiljenti, ma jistax ikun produttiv u wisq inqas kompetittiv.

Sur President, nilqa' b'sodisfazzjon din l-emenda li tat lok għal dan id-dibattitu. Qed naqbel ukoll mal-proposti tal-Oppożizzjoni, tant li d-diskors tiegħi kien ibbażat fuq din ir-riċerka mill-NGO bBrave. Naħseb li t-tema tal-benesseri tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol se tkun kruċjali s-sena d-dieħla. M'għandix dubju li kemm ir-rappreżentanti ta' min iħaddem kif ukoll ir-rappreżentanti tal-ħaddiema se jilqgħu din l-emenda b'sodisfazzjon. Fl-istess ħin se nkunu

qed nixprunaw aktar diskussjonijiet biex infasslu policies u liġijiet ħalli nkomplu nsaħħu d-dinja tax-xogħol. L-għan aħħari jibqa' li nibqgħu nattiraw ħaddiema ta' kwalità biex igawdu l-familji Maltin u Għawdxin kif ukoll in-negozji tagħna. Nirringrazzjak.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, bħalma qal l-Onor. Darren Carabott, l-Oppożizzjoni qiegħda taqbel ma' din il-proposta ta' liġi, ovvjament bit-tibdil żgħir li qed nipproponu sabiex nassiguraw li l-emenda tkun tajba u li verament tirrifletti l-ispirtu tal-liġi. Tajjeb li anke nfiehmu għalfejn il-Ministru ħass il-ħtieġa li din il-liġi tinbidel. Artiklu fit-*Times of Malta* jgħid:

> "Justice minister mulls changes to workplace sexual harassment law."

Ġara li kien hemm każ ta' fastidju sesswali, fejn minħabba l-mod kif inhi miktuba l-liġi fit-test Malti, persuna ma setgħetx tiġi mħarrka fuq bażi ta' fastidju sesswali imma ġiet imħarrka biss fuq bażi ta' fastidju. Tajjeb li nispegaw eżattament x'ġara, anke għall-benefiċċju tan-nies li qed jisimgħuna, biex jifhmu aħjar l-iskop li għalih qed nemendaw il-liġi. F'dan il-każ ġara li ma saritx ġustizzja mal-vittma u minflok sofriet ċerti konsegwenzi, li nispera f'Alla ħadd ma jsofri. Għalhekk sewwa għamlu l-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard u s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul li indirizzaw din il-lakuna fil-liġi.

Fil-fatt, il-Malta Women's Lobby ġiet irrapportata li ħalliet kumment dwar dan il-każ partikolari fejn qalet:

> "Was this a convenient "get out of jail" card, played to manipulate the system?"

Ovvjament, meta l-aggressur ma jeħilx dak li ħaqqu għal reati li jkun akkużat bihom, issir inġustizzja mal-vittmi. F'dan il-każ partikolari, il-persuna involuta spiċċat ma ħaditx il-ġustizzja li kien jixirqilha.

Sur President, l-istudji wrew li l-fastidju sesswali jikkontribwixxi għas-segregazzjoni tas-sess u inugwaljanza fil-pagi fis-suq tax-xogħol. In-nisa li jirrapportaw il-fastidju huma wkoll aktar probabbli li jaqilbu għal postijiet tax-xogħol ġodda, b'aktar kollegi nisa u b'paga aktar baxxa. Dan iwassal ukoll għal differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.

Kapitlu 456, l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, jindirizza l-problemi tal-fastidju sesswali. Il-liġi tagħna ftit jew wisq tħares li nassiguraw li l-fastidju sesswali jiġi indirizzat. Però ovvjament dejjem nistgħu ntejbu. Din in-naħa tal-Kamra rat din il-ħtieġa u kien għalhekk li ressqet Private Member's Bill. Minn hawnhekk nirringrazzja lill-Onor. Graziella Attard Previ u lill-Onor. Darren Carabott, li flimkien ressaqna dan il-Private Member's Bill f'isem l-Oppożizzjoni. Ovvjament, ma qomniex filgħodu u ddeċidejna li nressqu dan l-Abbozz ta' Liġi, però teżisti data abbażi ta' riżultati miksuba minn studji appożiti li turi l-bżonn li jkun hemm policy kontra l-fastidju sesswali f'kull post tax-xogħol. Dan mhux aħna biss qegħdin ngħiduh imma qed tgħidu wkoll l-International Labour Organisation (ILO) f'Konvenzjoni Nru 90, li huwa l-ewwel trattat internazzjonali li jirrikonoxxi d-dritt ta' kulħadd għal dinjità tax-xogħol ħielsa mill-vjolenza u fastidju, inkluż vjolenza bbażata fuq is-sess u l-fastidju.

Din il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju, 2021. F'Malta għandna bżonn nagħmlu t-tibdil meħtieġ skont kif titlob din il-Konvenzjoni, sabiex ikollna l-liġijiet u l-policies meħtieġa għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol. Dawn il-policies iridu jkunu hemm sabiex l-ewwel nett min iħaddem ikun qiegħed jinforma lill-ħaddiema tiegħu x'inhu aċċettabbli u x'mhuwiex aċċettabbli skont il-liġi, però wkoll biex il-vittmi jkunu jafu x'inhu u x'mhuwiex aċċettabbli. Sfortunatament, f'pajjiżna għad hawn kultura li ċertu fastidju, b'xi mod jew ieħor, anke jekk ma nistax nifhem kif, huwa aċċettabbli. Fl-istess ħin il-policies jistabbilixxu wkoll x'jistgħu jagħmlu l-persuni jekk ikunu f'tali sitwazzjoni.

Sur President, meta jkun hemm nisa u rġiel li jsofru dan it-tip ta' fastidju, se jkun hemm sitwazzjoni fejn iħossuhom iżolati, ikun hemm problemi fuq il-produttività u problemi ta' nuqqas ta' teamwork fuq il-post tax-xogħol. Tajjeb li wieħed isemmi li huwa l-obbligu tal-employer li jara li ma jkunx hemm fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. L-Att dwar l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kap. 424, jindika li hija responsabbiltà tal-employer li jara

li ma jsirux atti kontra l-persuna fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk din il-policy kontra l-fastidju sesswali li pproponejna bħala Oppożizzjoni mhux biss tissalvagwarda l-ħaddiem però tissalvagwarda wkoll l-employer.

Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2002/73 f'artikolu 9 tisħaq fuq il-bżonn li jiġu introdotti fil-liġi policies mandatorji kontra l-abbuż u l-fastidju sesswali f'kull post tax-xogħol. Id-Direttiva tindika wkoll li dan għandu japplika għal postijiet tax-xogħol li jkollhom iżjed minn 50 ħaddiem. Kien għalhekk li mxejna mad-Direttiva minkejja li m'hemm ħadd li qed iwaqqafna li nistgħu nwessgħu din il-policy kontra l-abbuż u l-fastidju sesswali. Nieħu pjaċir nisma' kemm il-Ministru kif ukoll is-Segretarju Parlamentari jgħidu li qegħdin fil-proċess li jħarsu lejn dan il-Private Member's Bill tal-Oppożizzjoni, u jalla jintlaqa', għaliex fl-aħħar mill-aħħar aħna rridu l-ġid u ma rridu lil ħadd imur għax-xogħol imdejjaq jew imbeżża'. Dak huwa l-għan aħħari li għandu jkollna.

Issa se nispjega xi tgħid din il-policy kontra l-abbuż u l-fastidju sesswali. Tgħid li l-employer irid jgħaddi kopja tal-policy lid-Direttur tax-Xogħol, li l-employer irid jinforma dwar kwalunkwe tibdil li jsir f'din il-policy lill-ħaddiema kif ukoll lid-Direttur tax-Xogħol u li jrid jagħti kopja lil kull ħaddiem, inkluż ħaddiema ġodda li jidħlu fil-post tax-xogħol. Din il-policy għandha tistabbilixxi l-proċedura dwar kif jista' jsir rapport ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, tagħti definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol u telenka l-miżuri dixxiplinarji li għandhom jittieħdu f'każ ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Issuġġerejna wkoll multa jekk ikun hemm xi post tax-xogħol li ma jimxix ma' din il-liġi.

Hawn tajjeb nispjega wkoll għalfejn ressaqna din il-policy kontra l-abbuż u l-fastidju sesswali. Il-Private Member's Bill jinkludi proposti bbażati fuq riżultati miksuba minn studji appożiti, fuq sondaġġi li saru u fuq il-pariri li tawna diversi NGOs u nies barra minn Malta. In-Nazzjonijiet Uniti qalet li l-abbuż u l-fastidju sesswali huwa aċċettat bħala xi ħaġa normali f'Malta. Sfortunatament il-kultura ta' pajjiżna għadha qisha taċċetta li l-fastidju sesswali huwa b'xi mod jew ieħor xi ħaġa normali. Kif qal l-Onor. Darren Carabott, "three out of every four women are sexually harassed at work and one-third believe that the victims themselves are to blame". Ara daqsxejn kemm għandna nuqqas ta' tagħlim u għarfien dwar din is-sitwazzjoni!

Il-Men Against Violence u l-Women's Rights Foundation (WRF), b'kollaborazzjoni ma' Malta Community Chest Fund għamlu wkoll studju, u nirringrazzjahom ta' dan, fejn sabu li 27% tan-nisa li pparteċipaw fl-istħarriġ esperjenzaw fastidju, però qatt ma rawh. F'dan l-istudju jingħad li:

> "One-third believe that the victim is partially to blame. 17% of female respondants never witnessed or experienced harassment. A third of male respondants reported that they have never experienced or witnessed sexual harassment. One third of men witnessed their colleagues being sexually harassed."

Dan l-istudju jkompli jgħid li l-irġiel kienu qed jiġu mgħajra li mhumiex 'irġiel' biżżejjed u 7% tal-irġiel qalu li esperjenzaw fastidju sesswali però qatt ma rawh. Dan juri li d-data kollha qed tipponta lejn il-fatt li għandna bżonn ħafna aktar għarfien biex nevitaw sitwazzjonijiet fejn persuna tiġi fastidjata sesswalment.

Minn mistoqsija parlamentari li għamlet l-Onor. Graziella Attard Previ, fejn staqsiet kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali tul dawn l-aħħar sentejn, irriżulta li kien hemm 15-il rapport biss ta' fastidju sesswali fil-post tax-xogħol. Meta tibda taqra u tisma' li hawn tant persuni li qed jiġu abbużati sesswalment imma 15 biss waslu biex jagħmlu rapport, tqum aktar il-ħtieġa li ndaħħlu fis-seħħ dak li qed nipproponu bħala Partit Nazzjonalista f'dan il-Private Member's Bill tal-policy kontra l-abbuż u l-fastidju sesswali.

Sur President, is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul semma l-NGO bBrave, li jien ukoll kelli l-opportunità li niltaqa' magħhom u nitkellem fil-konferenza li organizzaw dwar il-bullying. Wara studju li għamlu, dawn ħarġu dokument li kopja tiegħu tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra aktar kmieni mill-Onor. Andy Ellul, fejn saret rakkomandazzjoni għal anti-bullying policy fuq il-post tax-xogħol. L-Oppożizzjoni tappoġġja din il-policy u se nkunu qed naħdmu biex narawha tidħol fis-seħħ. M'għandi xejn ħlief kliem ta' tifħir għal din l-NGO, magħmula minn nies li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi volontorja, li rnexxielhom jagħmlu rapport dettaljat. M'għandi ebda dubju li kull min jaqra l-istejjer li hemm

f'dan ir-rapport isib li huma ta' qsim il-qalb. Lanqas kważi temmen kemm hawn nies li jgħaddu minn tali esperjenzi ta' bullying fuq il-post tax-xogħol.

Dawn l-istejjer huma, bħalma jgħidu bl-Ingliż, an eye-opener. Għalhekk, iva, aħna wkoll se nkunu qegħdin naraw li din il-policy kontra l-bullying tidħol fil-liġijiet tagħna. Permezz tal-kelliem tal-Oppożizzjoni għas-saħħa mentali, l-Onor. Ian Vassallo, li nsellimlu, ipproponejna li jkollna policy dwar is-saħħa mentali anke fuq il-post tax-xogħol. Dawn huma policies li jagħtu għarfien lill-ħaddiema tagħna dwar il-fatt li aġir ta' bullying mhuwiex aċċettabbli. Huwa importanti ħafna li l-policies jiġu spjegati lill-ħaddiema u mhux sempliċement nagħtuhom kopja tal-policy biex ngħidu li l-biċċa xogħol tagħna hija lesta. Għandna kontinwament ngħallmu ħalli bil-mod il-mod inbiddlu l-kultura li, sfortunatament, għadha teżisti f'pajjiżna.

Sur President, nirringrazzja lill-NGOs kollha li jaħdmu f'dan il-qasam, bħal bBrave, il-Malta Women's Lobby u l-Men Against Violence għax-xogħol siewi li jagħmlu. Nawgura wkoll li dan il-Private Member's Bill li ppropona l-Partit Nazzjonalista jidħol fis-seħħ fil-liġijiet tagħna, sabiex nassiguraw li sitwazzjonijiet bħal dawn ma jkollhomx għalfejn jaslu quddiem il-Qrati ta' Malta, imma naraw li jiġu evitati minn qabel. Nirringrazzjak.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Amanda Spiteri Grech.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, illum qegħdin nitkellmu dwar il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Dan huwa aġir diżgustanti, deplorabbli u kundannabbli. Il-fastidju sesswali nafu li jista' jsir kullimkien, bħal fuq il-post tax-xogħol u fit-triq. Huwa aġir ostili lejn il-vittma. Jista' jkun ukoll każ ta' abbuż ta' poter minħabba l-ġeneru tal-vittma u l-persuna tiġi vittimizzata. Għalkemm hemm tendenza li l-fastidju sesswali tgħaddi minnu l-mara, jista' jkun ukoll il-każ li r-raġel ikun il-vittma, għalkemm in-numri juru li n-nisa huma l-aktar milquta. Il-fastidju sesswali jista' jsir mhux biss għax inti mara jew raġel, imma anke jekk inti omosesswali jew b'orjentazzjoni sesswali oħra. Dan isir b'mod deliberat biex jattakka u jsib vittma.

Il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol huwa problema serja ħafna. Tista' ssir tant ħsara, li tista' tweġġa' lill-vittma b'mod fiżiku kif ukoll b'mod emozzjonali. Is-saħħa tista' tiddeterjora u l-ħaddiem vittma ta' fastidju sesswali jkun inqas produttiv fuq il-post tax-xogħol għax titnissel fih biża' li ma jkunx jista' jikkontrollaha. Aħna qed nirrikonoxxu din ir-realtà u għalhekk irridu nagħmlu minn kollox biex niġġieldu l-fastidju sesswali. Qed nieħu pjaċir nisma' n-naħa tal-Oppożizzjoni u n-naħa tal-Gvern li flimkien qed jitwaħħdu biex dan l-aġir abbużiv jieqaf.

Ovvjament, aġir abbużiv mhuwiex żball iżda jsir apposta. Meta wieħed ikollu jispjega fi ftit kliem xi tfisser li jkollok fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol jiġuni f'moħħi rimarki u kummenti ta' natura sesswali li mhumiex mixtieqa, kuntatt fiżiku mhux meħtieġ, li persuna jersaq qrib ħafna aktar milli suppost, turija ta' materjal li mhuwiex xieraq u meqjus offensiv fuq il-post tax-xogħol, użu ta' kitba li mhijiex xierqa bħal emails jew downloads li huma meqjusa offensivi, ċajt kontinwu ta' natura sesswali li huwa meqjus offensiv fin-natura tiegħu, mossi u avvanzi sesswali mhux mixtieqa jew fastidju verbali li mhuwiex postu fil-post tax-xogħol.

Dawn huma wħud mill-eżempji ta' fastidju sesswali, li tant jista' jieħu forom differenti, li wieħed ma jistax jiddefenixxihom kollha. Kif għidna, hemm xejriet differenti ta' każijiet ta' fastidju sesswali. Dawn isiru b'mod ripetut, apposta u normalment ikun hemm persuna fil-mira. Importanti li min iħaddem ikun konxju ta' din ir-realtà u jħares li jħaddan politika fi ħdan il-post tax-xogħol tiegħu li tindirizza din il-problema serja. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul tkellem dwar policies importanti fuq il-post tax-xogħol li jindirizzaw din il-problema b'mod serju.

Hija realtà li ħafna jibżgħu jirrapportaw. Hemm diversi forom ta' biżgħat. Hemm min jibża' li jitlef il-promozzjoni u hemm min jibża' li se jitlef titjib fil-paga. Din il-kultura trid tinqered darba għal dejjem. Ikun hemm ukoll diversi pressjonijiet, bħal talbiet għal favuri sesswali. Għalhekk irid isir taħriġ kontinwu lill-impjegati kollha, fil-gradi kollha, bħal managers u diretturi, sabiex kulħadd ikun konxju ta' din il-problema. Għaliex ġaladarba inti tkun konxju, se tkun lest tiġġildilha. Ejja nieqfu darba għal dejjem lil dan l-abbuż. Irid ikun hemm policies li jindirizzaw proċeduri partikolari u kull ħaddiem fi ħdan il-

post tax-xogħol għandu jkun mgħarraf b'dawn il-proċeduri. Min iħaddem irid ikun żgur li l-konċett ta' kunfidenzjalità meta wieħed jagħmel rapport ikun imħares u li l-politika ta' kif wieħed jindirizza din il-problema tkun ċarissima.

F'Malta, jekk wieħed ikollu jagħti daqqa t'għajn lejn iċ-ċifri li semmew anke l-kollegi aktar qabel, isib li n-numru ta' rapporti dwar fastidju sesswali tgħoddu fuq is-swaba' taż-żewġ idejn. Mhux aktar! Din il-kultura li nagħlaq ħalqi quddiem l-abbuż trid tieqaf. Aħna lesti li nsostnu lill-ħaddiema kollha li b'xi mod jiġu vittimizzati, għaliex dan huwa aġir inaċċettabbli. Uħud mir-rapporti jmorru għand il-Korp tal-Pulizija u jkun hemm rapporti wkoll lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE), però rridu nammettu li f'pajjiżna għandna problema ta' nuqqas ta' rapporti f'każ ta' fastidju sesswali.

Din hija r-realtà! Jekk wieħed iħares lejn l-istatistika jsib li dawk li fil-verità effettivament imorru jirrapportaw huma ferm inqas minn dawk li jgħaddu minn dan il-martirju fuq il-post tax-xogħol. Waħda mir-raġunijiet ewlenin tibqa' l-biża'. Irrid insemmi wkoll li wħud jagħmlu r-rapport, però meta tgħidilhom bil-proċedura formali li jridu jsegwu, jieqfu hemm u jgħidu li ma jridux ikomplu bir-rapport. Il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, u kwalunkwe tip ta' fastidju ieħor, irid jieqaf.

Studju fl-Unjoni Ewropea juri li terz tan-nisa jesperjenzaw fastidju sesswali u jgħaddu minn tbatija kbira. Ħafna jibżgħu mill-konsegwenza ta' wara bħal, pereżempju, li jitilfu l-impjieg, li jidhru koroh ma' sħabhom jew ma' tal-familja, uħud ikollhom id-dubji dwar il-proċeduri tal-investigazzjoni u li jgħaddu minn vittimizzazzjoni. Però hawn nixtieq nallaċċja dan kollu, bħalma dejjem għamilt f'kull diskussjoni f'dan ir-rigward, mal-element edukattiv. Irridu nqajmu kuxjenza mhux biss fost it-tfal tagħna iżda anke fil-kontest familjari li l-ebda fastidju sesswali mhu aċċettabbli. Irridu nkunu konxji ta' x'inhuma s-sinjali ta' fastidju sesswali u mhux naċċettawh. Irridu naraw li verament naħdmu biex niġġieldu l-fastidju sesswali. It-triq 'il quddiem hija dik biss li nwaqqfu din il-kultura li l-fastidju sesswali huwa aċċettabbli.

Hemm barra hemm stejjer li mhux iħammrulek wiċċek imma jwaħħxuk. Hemm barra hemm stejjer ta' nisa aktar minn irġiel li jgħaddu minn din it-tbatija. Dan ma jfissirx li l-irġiel mhumiex vittmi ta' fastidju sesswali, però n-numri juru li n-nisa huma aktar vittimizzati u sfortunatament qishom jaċċettaw is-sitwazzjoni. Hemm ħafna nies hemm barra li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Hemm ħafna nies hemm barra li kellhom joqogħdu għal aġir sesswali li verament ma riedu qatt minħabba l-fastidju sesswali. Dan huwa inaċċettabbli. Il-forza fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż hija li rridu nwaqqfu l-fastidju sesswali u naħdmu biex kull vittma jkollha ġustizzja. Nirringrazzjak.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, illum iż-żewġ naħat tal-Kamra qegħdin naqblu fuq din l-emenda fil-liġi tagħna sabiex insaħħu u nagħmlu dejjem aktar sigur il-post tax-xogħol. Nieħu pjaċir li qed ningħaqdu flimkien u nwasslu l-messaġġ li ma għandna l-ebda tolleranza lejn il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

Il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol huwa reat li jmur kontra l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa tal-2003, Kap. 456 u l-Att għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali tal-2002, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol huwa komuni ħafna, però l-isfortuna hija li bosta drabi dan ma jiġix irrapportat. Għandna sitwazzjoni ċara ta' under-reporting. Li f'Malta jkollna biss 15-il rapport ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol f'sentejn sħaħ żgur li ma jirriflettix l-ammont reali ta' każijiet ta' fastidju sesswali. Madanakollu, il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol huwa xi ħaġa serja ħafna, b'implikazzjonijiet gravi għall-vittmi, kif ukoll joħloq ambjent tossiku fuq il-post tax-xogħol, li żgur jagħmel ħsara lil kulħadd.

Sur President, il-fastidju sesswali huwa kull aġir ta' natura sesswali li mhuwiex mixtieq. Ma tagħmilx differenza jekk dan il-fastidju jkunx ta' darba jew kontinwu. Il-fastidju jibqa' dejjem gravi. Għalkemm jista' jiġri lil kulħadd, irġiel jew nisa, kif ukoll persuni li ma jidentifikawx mal-ebda ġeneru, l-istudji juru li n-nisa huma aktar suxxettibbli għall-fastidju sesswali milli huma l-irġiel. Fil-fatt studju li sar minn Men Against Violence, b'kollaborazzjoni mal-Women's Rights Foundation (WRF) kif ukoll il-Malta

Community Chest Fund kien sab li tlieta minn kull erba' ħaddiema nisa jkunu soġġetti għal fastidju sesswali fuqhom.

Il-vittmi tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol isofru minn problemi ta' saħħa fiżiċi, psikoloġiċi kif ukoll mentali. Dan jista' jwassal sabiex ikun hemm problemi fit-tul fil-karriera jew inkella saħansitra instabilità finanzjarja. Vittmi jistgħu saħansitra jitilqu mix-xogħol tagħhom u l-istudji juru li ħafna drabi jfittxu xogħlijiet li joffru ambjent aktar sigur, però xi kultant jidħlu fi rwoli ta' xogħol li jrendi inqas. Il-vittmi li jressqu l-ilment u li jirrapportaw kemm-il darba jispiċċaw imwarrba jew inkella vittimizzati.

Sur President, l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna qiegħed jippreżenta emenda għall-artikolu 29(2) ta' Kapitlu 452 li qed tagħmilha aktar wiesgħa u speċifika li l-aġir tal-persuna li jagħmel dan ir-reat jista' jkun offensiv, umiljanti jew intimidatorju. Dan se jfisser aktar protezzjoni fuq il-post tax-xogħol għax issa l-persuna tista' tinstab ħatja ta' fastidju sesswali abbażi ta' aġir wieħed biss minn dawn it-tlieta li għadni kif semmejt. Għaldaqstant se nkompli nafferma u niddikjara li din in-naħa tal-Kamra hija favur mhux biss din l-emenda iżda kull emenda li tkompli tassigura, tipproteġi, kif ukoll tippromwovi ambjent sigur fuq il-post tax-xogħol, fejn jaħdmu l-ħaddiema.

Aħna nsostnu li l-fastidju sesswali qatt ma jista' jkun ittollerat jew saħansitra aċċettat. Kif semma l-Onor. Darren Carabott, nixtieq infakkar fil-każ li kien tressaq il-Qorti aktar kmieni din is-sena, fejn l-allegat aggressur kien instab ħati ta' aġir offensiv u umiljanti fuq kollega fuq il-post tax-xogħol, iżda billi l-Qorti stabbiliet li l-vittma ma kinitx intimidata bil-mod li l-fastidju sesswali hu definit fil-liġi, l-aggressur ma setax jinstab ħati.

Tajjeb insemmu wkoll li skont l-artikolu 9 tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, il-fastidju sesswali huwa definit bħala kull aġir ta' natura sesswali li ma jkunx mixtieq. Dan jista' jinvolvi kuntatt fiżiku, kummenti suġġettivi jew inkella ċajt, stediniet jew talbiet għal kuntatti sesswali, mistoqsijiet dwar il-ħajja privata jew il-ġisem, familjarità żejda, insulti jew tgħajjir relatati mas-sesswalità, kif ukoll emails jew saħansitra messaġġi ta' natura sesswali. L-enfasi għandha tkun dwar il-fatt li dawn l-avvanzi mhumiex mixtieqa. Aktar ma jkollna kliem ċar fil-liġi, aktar se jkollna liġi li tkun effettiva.

Filwaqt li naqblu ma' din l-emenda, li hija tajba, hemm aktar x'jista' jsir biex inkomplu negħlbu l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Kif qalu l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Darren Carabott, li nsellmilhom minn hawnhekk, bħala Oppożizzjoni qegħdin inkunu proattivi f'dan ir-rigward, għax għandna l-aħjar interess tal-individwu, mhux biss fiċ-ċentru tal-politika tagħna, iżda anke f'qalbna. F'Ottubru 2022 ħareġ fil-beraħ każ ta' fastidju sesswali fi ħdan l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, fejn mill-ewwel deher biċ-ċar li minkejja li f'Malta l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol huwa reat u jmur kontra l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa tal-2003 u kontra l-Att għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali tal-2002, ħafna ħaddiema kif ukoll dawk li jħaddmu m'għandhomx idea dwar x'għandhom jagħmlu meta jħabbtu wiċċhom ma' din is-sitwazzjoni.

Il-każ fl-Orkestra Filarmonika Nazzjonali f'Ottubru 2022 xegħel bozza ħamra fuq dan in-nuqqas, li sirna konxji tiegħu għax il-każ ħareġ fil-pubbliku. Kieku ma ħariġx fil-pubbliku lanqas konna nkunu nafu li l-ħaddiema u anke min iħaddem lanqas jafu x'għandhom jagħmlu meta jiltaqgħu ma' każ ta' fastidju sesswali. Kif diġà semmejt, ħafna drabi huma l-vittmi l-aktar li jbatu u f'pajjiżna għandna sitwazzjoni ta' under-reporting, fejn il-vittma ma tressaqx ir-rapport u ħafna drabi żżomm kollox ġo fiha. Quddiem dan kollu, bħala Oppożizzjoni ma bqajniex ċassi.

Wara diversi laqgħat u taħditiet li għamilna mal-imsieħba ewlenin aktar kmieni din is-sena, f'Marzu 2023 ikkonkludejna u affermajna li wasal iż-żmien li f'kull post tax-xogħol ikun hemm politika ċara dwar x'għandu jagħmel impjegat jekk ikun vittma ta' fastidju sesswali. Kien għalhekk li pproponejna li tiġi introdotta politika kontra kull fastidju fuq il-post tax-xogħol. Flimkien mal-Onor. Castillo u l-Onor. Carabott ressaqna Private Member's Bill f'isem l-Oppożizzjoni, li permezz tiegħu għandu jsir obbligu li postijiet tax-xogħol meqjusa bħala intrapriżi ta' daqs medju jew akbar għandu jkollhom fis-seħħ policy dettaljata u ċara kontra l-fastidju sesswali u kopja tal-policy għandha tingħata lil kull impjegat.

Għedna li din il-policy trid tkun ċara u li faċilment tiġi miftiehma kemm għal min iħaddem

kif ukoll għall-impjegati li jkunu jistgħu jifhmuha faċilment. It-tifsira ta' fastidju sesswali trid tkun ċara u jeħtieġ li jkun hemm linji gwida ċari dwar x'għandu jsir f'każ ta' fastidju sesswali. Però ma waqafniex hemm imma enfasizzajna wkoll li l-postijiet kollha tax-xogħol għandhom jaddottaw u jippromwovu kultura fi ħdan l-organizzazzjoni tagħhom, dik li tissejjaħ "organisational culture of zero tolerance" għal fastidju sesswali. Għalhekk ħeġġiġna li l-postijiet kollha tax-xogħol iżidu b'mod viżwali l-għarfien dwar il-fastidju sesswali u x'wieħed jista' jagħmel meta ffaċċjat b'tali sitwazzjoni. Pereżempju, ħriġna poster edukattiv, li jista' jitwaħħal man-notice board, fil-kurituri jew inkella f'dawk il-postijiet fejn jinġemgħu l-ħaddiema, b'informazzjoni bażika però effettiva għall-impjegati.

Dan il-poster jista' jeduka dwar x'jikkostitwixxi l-fastidju sesswali, x'jista' wieħed jagħmel f'każ ta' fastidju sesswali u fejn għandu jirrapporta. Pereżempju, dan jista' jirrapporta lil min iħaddmu, jista' jmur għand il-Pulizija, jew inkella, kif semma anke s-Segretarju Parlamentari, jista' jċempel lill-NCPE, li bħala Kummissjoni għandha l-obbligu li skont Kap. 456 tal-Liġijiet ta' Malta tinvestiga kull każ ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Infakkar ukoll li l-NCPE tista' tipprovdi assistenza u informazzjoni sabiex wieħed jagħmel ilment. Bħala Oppożizzjoni, minbarra li qed ngħidu li għandha tiġi emendata l-liġi, qed noħorġu b'numru ta' ideat u suġġerimenti ta' kif il-postijiet kollha tax-xogħol joħolqu ambjent fi ħdanhom fejn ikun ċar li huma kontra l-fastidju sesswali fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom.

Għaldaqstant, għal darb'oħra nħeġġeġ lill-Gvern sabiex itella' fuq l-aġenda l-Private Member's Bill li ressaqna bħala Oppożizzjoni, bil-għan li nsaħħu s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Ninsab ċerta li ż-żewġ naħat tal-Kamra għandna l-ħaddiema għal qalbna. L-Abbozz ta' Liġi li qegħdin inressqu għandu proprju dan l-għan, fejn qegħdin ngħidu ċar u tond li din il-policy ta' kontra l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol se tiżgura li kull persuna tifhem id-drittijiet tagħha u l-proċeduri li tista' ssegwi sabiex tiżgura li dan it-tip ta' abbuż fil-postijiet tax-xogħol jiġi indirizzat.

Filwaqt li għal darb'oħra nħeġġeġ sabiex dan l-Abbozz ta' Liġi jitressaq f'dan il-Parlament, nixtieq infakkar ukoll lill-Gvern u nagħmel appell sabiex Malta tirratifika l-Konvenzjoni tal-International Labour Organisation (ILO) Nru 190, li tittratta l-vjolenza u l-fastidju sesswali. Din hija għodda oħra li nistgħu ndaħħlu fil-liġijiet tagħna sabiex inkomplu nsaħħu l-ġlieda tagħna kontra l-fastidju sesswali fuq il-postijiet tax-xogħol.

Sur President, prattiċi tajba tax-xogħol jisħqu li min iħaddem għandu d-dmir li jħares lill-ħaddiema. Din hija responsabbiltà lejn il-ħaddiema. Kull ilment dwar fastidju sesswali għandu jittieħed bis-serjetà. Għaldaqstant, min iħaddem għandu jagħmel dak kollu possibbli sabiex jipproteġi lill-ħaddiema tiegħu mill-fastidju u jieħu l-passi neċessarji sabiex jara li dan il-fastidju ma jseħħx. Dan jista' jsir billi, kif diġà għidt, tinħoloq kultura b'saħħitha kontra l-fastidju sesswali u jkun ċar li dan bl-ebda mod ma jiġi ttollerat. Hawn nixtieq nagħmel enfasi fuq punt partikolari. Lil hinn mill-politika miktuba rridu nispjegaw lill-impjegati u lil min iħaddem kemm hija importanti din il-kultura fit-tmexxija tal-entità jew intrapriża partikolari, għax tassew tkun tirrifletti t-twemmin ta' dik l-entità jew intrapriża.

Sur President, fuq il-postijiet tax-xogħol dejjem għandu jkun hemm ambjent ta' rispett. Il-postijiet tax-xogħol dejjem għandhom jippromwovu s-sigurtà, l-assigurazzjoni li jekk titkellem se tittieħed bis-serjetà u, f'każ ta' fastidju, se tittieħed azzjoni minnufih bl-aktar mod rett. Nemmnu li politika kontra l-fastidju sesswali għandha toħloq ambjent ta' standard għoli fuq il-post tax-xogħol, fejn kemm min jaħdem kif ukoll min iħaddem ikun jista' jagħmel xogħlu tajjeb, b'mod professjonali u effettiv. Din in-naħa tal-Kamra kommessi li nassiguraw li x-xogħol tal-ħaddiem ikun ibbażat fuq id-dinjità u r-rispett lejn kulħadd. Ix-xogħol huwa l-ħobża ta' kuljum ta' kull persuna. Illum ngħixu f'soċjetà fejn kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel huma mħeġġa li jaħdmu. Għaldaqstant, hekk kif qegħdin naraw li n-numru tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol dejjem qed jiżdied, aktar tikber il-ħtieġa li nassiguraw postijiet tax-xogħol siguri u li nipprovdu ambjent san, lil hinn minn kwalunkwe forma ta' fastidju u diskriminazzjoni.

Sur President, nikkonkludi billi nitlob il-permess biex inqiegħed dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Poster bit-titlu *Zero Tolerance on Sexual Harassment* maħruġ mill-Partit Nazzjonalista.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Michael Farrugia.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Sur President, kemm huwa ta' sodisfazzjon meta jkun hemm maturità fid-diskussjonijiet li jkun hawn fil-plenarja f'dan il-Parlament sabiex attwalment naraw kif intejbu l-liġijiet tagħna. Mhux biss, imma jsiru wkoll suġġerimenti maturi biex wieħed ikompli jimxi 'l quddiem u jtejjeb dak li jkun qiegħed jitressaq bħala Abbozz ta' Liġi, kif ukoll policies li jiġu suġġeriti, policies li jagħmlu sens u policies li huma neċessarji, għaliex dak li kien tajjeb ilbieraħ mhux bilfors għadu tajjeb illum. Importanti li nkomplu ntejbu fuq l-esperjenza li wieħed ikollu kemm bħala amministrazzjoni u anke r-rappreżentanti tal-ħaddiema. Tul dawn l-aħħar jiem innotajt bi pjaċir xi ħaġa li hija għal qalb din in-naħa tal-Kamra, li huma d-drittijiet tal-ħaddiema, li qed inkomplu nipproteġuhom.

Qed naraw ukoll kif nistgħu ngħinu lil dawk il-ħaddiema li l-aktar għandhom bżonn ta' sapport, inkluż sapport finanzjarju, kif ħareġ anke fid-Diskors tal-Baġit fejn kien hemm għajnuna għal dawk li qegħdin f'impjieg, dawk li qed jieħdu l-In-work Benefit u diversi benefiċċji oħra sabiex inkomplu ntejbulhom il-kwalità tal-ħajja. Napprezza wkoll l-impenn tas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul li fl-istess ħin li qed nagħmlu dawn il-bidliet, għaddej b'diskussjonijiet fl-MCESD bejn min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar miżuri li forsi sa ftit ilu kienu jidhru impossibbli li eventwalment nistgħu ndaħħluhom fis-seħħ f'pajjiżna.

Sur President, hija r-responsabbiltà tal-Eżekuttiv li jevalwa sew l-abbozz ta' liġi li jkun qiegħed jitressaq sabiex ma jiġrix dak li ġara f'dan l-Abbozz ta' Liġi, li issa se nkunu qegħdin nemendawh, u li ħoloq problema biex issir ġustizzja u min abbuża jkun jista' jinstab ħati. Però r-responsabbiltà mhijiex tal-Eżekuttiv biss imma hija anke tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li jien nippresiedi kif ukoll tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt li tippresiedi inti, Sur President. Min jattendi għas-seduti tal-Kumitat ma jiġix sempliċement biex ikun attenda, imma jiġi sabiex jevalwa l-abbozz ta' liġi. Riċentement kellna kwestjoni fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni tal-Abbozzi ta' Liġi fuq kelma li bil-Malti u bl-Ingliż tinkiteb l-istess, imma b'tifsiriet differenti.

Konna qed niddiskutu l-Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili u qamet il-kwestjoni dwar il-kelma 'data' li bl-Ingliż tfisser informazzjoni u bil-Malti tirreferi għad-data tal-jum. Inġibdet l-attenzjoni dwar dan mill-Onor. Adrian Delia, li qal li din il-kelma setgħet toħloq diffikultà. Fil-fatt, kellna nipposponu l-Kumitat biex immorru għand l-Avukat tal-Istat, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet tal-Malti, sabiex nagħtu l-aħjar tifsira fil-liġi li tkun tirrifletti d-differenza bejn iż-żewġ kelmiet u li toħloq ċertezza legali. Għalhekk qed ngħid li hija r-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna li nkunu fil-Kumitat li naraw li ċerta interpretazzjoni tkun tirrifletti dak li jrid eżattament l-Eżekuttiv. Ħadd mhu infallibbli u kulħadd jista' jiżbalja. Huwa proprju għalhekk li qed nagħmlu din l-emenda dwar interpretazzjoni ta' frażi li nġibdet l-attenzjoni dwarha mill-Ġudikatura.

Fil-jiem li ġejjin se nkunu qed niddiskutu suġġett ieħor li nġibdet l-attenzjoni dwaru mill-Ġudikatura, fuq persuni li qegħdin ibatu b'riżultat ta' liġi eżistenti u li saret rakkomandazzjoni dwarha biex isir tibdil. Nhar it-Tnejn inkunu qed niddiskutu dan is-suġġett bl-aktar mod li jinftiehem u matur, ħalli ma nħallux nies ibatu bħalma qed jiġri llum. Fil-liġi li qed nipproponu li nemendaw illum, il-konġunzjoni "u" minflok "jew" ħolqot din id-diffikultà, u persuna saħansitra ġiet illiberata mill-Qorti fuq każ ta' abbuż sesswali fuq il-post tax-xogħol. Dan għaliex bil-mod kif kienet s'issa, biex wieħed jiġi kkonsidrat li għamel reat, dan ir-reat kellu jinvolvi numru ta' azzjonijiet f'daqqa minħabba l-konġunzjoni "u" li kienet toħloq problema ta' interpretazzjoni. Wara dik is-sentenza nġibdet l-attenzjoni mill-Ġudikatura, u nirringrazzjaha ta' dan, dwar il-ħtieġa ta' emenda fil-liġi f'dan is-sens.

Issa hawn se mmur pass lil hinn minn dan kollu. Meta jkun hemm abbuż sesswali fuq il-post tax-xogħol, l-effett psikoloġiku mhux bilfors jaffettwa lil kulħadd l-istess. Hemm min jaffettwah aktar minn oħrajn. Nafu li abbuż iħalli effett psikoloġiku, mhux biss jekk ikun kontinwu, imma anke jekk ikun ta' darba, li jaf ikun kbir, jaf ikisser lill-persuna u jaf jibdel l-attitudni tal-persuna mhux biss fuq il-post tax-xogħol imma anke fir-relazzjoni tagħha fid-dar. Ir-relazzjoni mar-raġel, mal-mara jew mal-partner tal-persuna taf tinbidel minħabba l-abbuż li jkun sar fuqha. Hawnhekk fejn nitlob il-Ġudikatura, u jekk hemm bżonn naraw dan anke mill-punt legali, li meta tiġi għall-piena, ikun hemm evalwazzjoni tal-effett kollu li tali abbuż ikun ħalla fuq il-persuna, li jista' ma jkunx effett psikoloġiku biss.

L-abbuż jista' jwassal lill-persuna biex tant tiġi daharha mal-ħajt u mhedda, li tista' anke tipperikola ħajjitha. Għalhekk meta wieħed jiġi biex jagħmel evalwazzjoni tal-piena, huwa importanti li wieħed jiżen x'kien l-effett fuq il-vittma u l-penali trid tirrifletti mhux biss l-att li jkun sar, imma anke l-effett psikoloġiku u l-effett fuq ir-relazzjoni ta' dik il-persuna mal-familjari tagħha stess. Hawnhekk fejn irrid nara bidla, għax meta wieħed jiġi biex jagħmel il-benchmark tal-penali, għandu jqis dawn il-punti wkoll. Nirringrazzjak.

**ONOR. CARMELO ABELA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Sur President, naħseb li min isegwi l-Parlament b'mod regolari japprezza l-fatt li meta jkun hawn qbil b'mod b'saħħtu fuq xi ħaġa daqshekk fundamentali, joħroġ ħafna ġid minn din il-Kamra. Din hija opportunità biex inqumu nitkellmu u ngħaddu messaġġ matur u pożittiv lil kull min qed isegwina li din il-Kamra hija magħquda kontra kull tip ta' fastidju, speċjalment fastidju vjolenti u sesswali, f'kull forma tiegħu, imma speċjalment fuq il-post tax-xogħol. Forsi jkun hemm min jgħidlek: Possibbli qed jagħmlu dan id-dibattitu minħabba l-kelma "u"? Fil-fatt kont qed nitkellem ma' kollega dwar dan u bdejna niddiskutu x'differenza kbira tagħmel il-kelma "u" minflok il-kelma "jew". F'dan il-każ partikolari li nġibdet l-attenzjoni dwaru, kelma waħda għamlet differenza kbira.

Sur President, jien ukoll ningħaqad mal-Onor. Michael Farrugia u nsellem lill-Ġudikatura, li b'mod regolari tiġbed l-attenzjoni ta' din il-Kamra fejn ikun hemm bżonn li nemendaw il-liġi. Forsi għandna nagħmlu anke eżerċizzju u naraw f'liema sentenzi nġibdet l-attenzjoni ta' din il-Kamra u liema minnhom għadhom pendenti jistennew li nieħdu deċiżjoni. Niftakar li xi snin ilu kien hemm sentenza partikolari li kienet ilha pendenti għal ħafna żmien quddiem din il-Kamra, biex tiġi emendata l-liġi. Finalment konna għaddejna l-emenda u l-persuna konċernata kienet ġibditli l-attenzjoni dwar dan. Kont ħadd pjaċir li eventwalment fiż- żmien li għadni f'din il-Kamra rajt dik il-liġi tiġi emendata.

Ir-raġuni prinċipali għalfejn qiegħda tiġi emendata l-liġi permezz tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum hija ċ-ċertezza legali. Bħalma qal l-Onor. Farrugia, iċ-ċertezza legali kemm-il darba tkun kawża ta' diskussjoni fit-tul meta niġu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi. Dan huwa sinjal li nkunu qegħdin nagħmlu xogħolna tajjeb bħala membri parlamentari. Fuq dan il-punt naqbel miegħu.

Filwaqt li qiegħda naqbel ma' din l-emenda, nixtieq niġbed l-attenzjoni fuq xi ħaġa oħra, ġaladarba qed tiġi din l-opportunità. Ġibduli l-attenzjoni li hemm Konvenzjoni li pajjiżna għadu ma ffirmax. Hawnhekk qed nirreferi għall-Violence and Harassment Convention tal-International Labour Organisation (ILO) tal-2019. Fil-fatt, sfortunatament, jien ma ngħidx li din hija l-intenzjoni, imma naħseb li hija żvista jew inkella hemm xi spjegazzjoni li trid issir, għax hija ħasra li bħala pajjiż m'aħniex firmatarji tagħha. Meta tfittex il-lista tal-pajjiżi fuq il-website tal-ILO li ma ffirmawx din il-Konvenzjoni, Malta qiegħda mniżżla, imma mbagħad hemm spjega ta' kemm il-konvenzjoni ħarġet mill-ILO jew simili u li aħna firmatarji tagħhom. Kburija ngħid - hawn se nagħmel kumment politiku - li minn 49 konvenzjoni li Malta rratifikat, il-konvenzjonijiet kollha barra waħda ġew ratifikati taħt Gvern Nazzjonalista. Hawn qed immur lura ħafna fl-istorja.

Dawn huma Konvenzjonijiet ta' importanza kbira. Għalhekk nixtieq inressaq għall-attenzjoni ta' din il-Kamra l-importanza ta' din il-Konvenzjoni, il-Violence and Harassment Convention tal-ILO. Meta tara l-preambolu tagħha ssib li din il-Konvenzjoni qiegħda tibni fuq konvenzjonijiet oħra, bħalma jiġri ta' spiss,

fosthom fuq id-Dikjarazzjoni ta' Philadelphia, il-Konvenzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, il-Universal Declaration of Human Rights, l-International Covenant on Civil and Political Rights u l-International Covenant on Economic, Social and Cultural Rights, fost oħrajn. Prattikament din il-Konvenzjoni qiegħda tafferma ħafna minn dak li qegħdin ngħidu f'din il-Kamra llum. Tibda bid-definizzjoni ta' x'inhuma "violence and harassment" fuq il-post tax-xogħol, liema definizzjoni hija maqsuma fi tnejn. Nikkwota:

"For the purpose of this Convention:

(a) the term "violence and harassment" in the world of work refers to a range of unacceptable behaviours and practices, or threats thereof, whether a single occurrence or repeated, that aim at, result in, or are likely to result in physical, psychological, sexual or economic harm, and includes gender-based violence and harassment;"

Dan huwa proprju dak li kien qed jgħid l-Onor. Farrugia meta qal li l-abbuż ma jħallix biss effett psikoloġiku, imma jista' jkun li jaffettwa diversi aspetti tal-ħajja tal-persuna. Din hija l-ewwel parti tad-definizzjoni li tagħti l-Konvenzjoni. It-tieni parti tgħid hekk:

"(b) the term "gender-based violence and harassment" means violence and harassment directed at persons because of their sex or gender ...".

-Infakkar ukoll li aħna diġà għandna liġi li tgħid li huwa kompletament illegali li inti tiddiskrimina abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru -

"... or affecting persons of a particular sex or gender disproportionately, and includes sexual harassment."

Dik hija d-definizzjoni li f'din il-Kamra, anke minn dak li qed jintqal illum, żgur li hemm qbil fuqha.

Imbagħad il-Konvenzjoni tidħol fl-iskop għalfejn qiegħda ssir u, fost oħrajn, jissemmew biex titwaqqaf il-vjolenza u l-fastidju, tiggarantixxi li jkun hemm policies kontra l-vjolenza u l-fastidju, biex ikun hemm strateġiji fuq livell nazzjonali, biex jissaħħaħ l-infurzar u biex ikun hemm rimedji. Naħseb li f'sitwazzjonijiet bħal dawn li qed nitkellmu dwarhom, ir-rimedju huwa fundamentali. Tgħid ukoll li jkun hemm sanzjonijiet, li jidhirli ma tkellimniex dwarhom u li jkun hemm għodda, gwida, taħriġ u edukazzjoni f'dan ir-rigward, kif issemma anke mill-kollegi f'din il-Kamra. Naħseb li din il-Konvenzjoni fit-totalità tagħha qiegħda tkompli titfa' dawl b'saħħtu ħafna fuq dak li qegħdin niddiskutu llum.

Hemm ukoll binarju ieħor li jissemma f'din il-Konvenzjoni. Hija tgħid li l-protezzjoni u l-prevenzjoni għandhom jingħataw importanza kbira.

Laqtitni ħafna Sezzjoni V ta' din il-Konvenzjoni, Artiklu 10, "Enforcement and Remedies", l-infurzar u r-rimedji, elementi li naħseb li pajjiżna għandu bżonn ikollu b'mod organizzat, metikoluż u effettiv. U nikkwota:

"Each Member shall take appropriate measures to:

(a) monitor and enforce national laws and regulations regarding violence and harassment in the world of work;

(b) ensure easy access to appropriate and effective remedies and safe, fair and effective reporting and dispute resolution mechanisms and procedures in cases of violence and harassment in the world of work, such as:

(i) complaint and investigation procedures, as well as, where appropriate, dispute resolution mechanisms at the workplace level;

(ii) dispute resolution mechanisms external to the workplace;

(iii) courts or tribunals;

(iv) protection against victimization of or retaliation against complainants, victims, witnesses and whistle-blowers; and

(v) legal, social, medical and administrative support measures for complainants and victims;"

F'paragrafu (ċ) tal-istess Artiklu 10, il-Konvenzjoni tgħid ukoll li l-pajjiżi membri li jiffirmaw din il-Konvenzjoni għandhom jiggarantixxu l-protezzjoni tal-privatezza.

Ħassejt li għandi niġbed l-attenzjoni ta' din il-Kamra għal din il-Konvenzjoni, kif għamlu membri oħra aktar qabel, għax prattikament dak kollu li qed ngħidu llum qiegħed f'din il-Konvenzjoni, li hija importanti ħafna. Qed nieħu gost nara li l-Ministru qed jieħu nota ta' dak li qiegħda ngħid. Naħseb li din il-Konvenzjoni għal darb'oħra tista' ġġib il-Kamra kollha flimkien. Dan jorbot ma' dak li qalet l-Onor. Graziella Attard Previ dwar il-proposti li għamlet l-Oppożizzjoni f'dan ir-rigward. Illum qegħdin ngħidu lill-Gvern li aħna miegħu fuq dan, ejja mmexxu u naħdmu ħalli dawn il-Konvenzjonijiet, li tant huma essenzjali, ikunu ratifikati anke minn pajjiżna.

Nerġa' lura għas-Sezzjoni V tal-Konvenzjoni, "Enforcement and Remedies", li forsi ma tantx nitkellmu fuqha. Paragrafu (ċ) ta' Artiklu 10 jitkellem fuq l-importanza tal-privatezza u jgħid hekk:

> "(c) protect the privacy of those individuals involved and confidentiality, to the extent possible and as appropriate, and ensure that requirements for privacy and confidentiality are not misused;".

Naħseb li dan l-aħħar smajna każijiet fejn ġara proprju hekk. L-issue tal-privatezza ntużat kontra l-vittmi. Din il-Konvenzjoni tgħid li dik hija xi ħaġa li qatt m'għandna naċċettaw li ssir. Sur President, bħalma kont qed tgħid fid-diskors tiegħek u kif kienu qed jgħidu anke l-kollegi, speċjalment l-Onor. Graziella Attard Previ, ma jistax ikun li jkollok il-kuraġġ li tirrapporta u tieħu passi u mbagħad is-sistema fails you u ma taħdimx miegħek f'dan ir-rigward.

Paragrafi (d) u (e) jgħidu li:

> "(d) provide for sanctions, where appropriate, in cases of violence and harassment in the world of work;
>
> (e) provide that victims of gender-based violence and harassment in the world of work have effective access to gender-responsive, safe and effective complaint and dispute resolution mechanisms, support, services and remedies;".

Sur President, nixtieq nagħlaq fuq l-importanza ta' din il-Konvenzjoni li titkellem fuq dispute resolution mechanisms, jiġifieri li inti tipprova ssib is-soluzzjonijiet, però toffri wkoll is-sapport, is-servizzi u r-rimedju. Għalhekk nerġa' nħeġġeġ lill-Gvern biex iressaq din il-Konvenzjoni f'din il-Kamra ħalli bħala pajjiż nirratifikawha. Bħalma qegħdin naqblu fuq din l-emenda żgħira imma importanti fl-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum, nistgħu naqblu wkoll fuq liġijiet oħrajn li jistgħu jsaħħu l-ġlieda tagħna kontra l-fastidju sesswali.

Ovvjament qed nitkellem anke bħala mara, għax naf li huma ħafna n-nisa li jistgħu jkunu vittmi ta' dawn is-sitwazzjonijiet. Però r-realtà qiegħda turina wkoll li mhux in-nisa biss, imma għandna anke sitwazzjonijiet fejn l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ta' diversi persuni li jaħdmu tista' twassal għal abbuż u dawn jistgħu jkunu vittmi wkoll. Dawn kollha jistgħu jibbenefikaw ħafna minn emendi bħal din li qegħdin nagħmlu llum u, jekk Alla jrid, anke mir-ratifika tal-Konvenzjoni tal-ILO li għadni kif tkellimt dwarha, li hija l-Violence and Harassment Convention tal-2019, Nru 190. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Nistieden lill-Ministru Jonathan Attard biex jagħmel il-winding up.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nirringrazzja lill-kelliema kollha li pparteċipaw f'dan id-dibattitu dwar dan l-Abbozz ta' Liġi. Kif ġie enfasizzat, nista' ngħid, mill-kelliema kollha fuq iż-żewġ naħat tal-Kamra, huwa l-impenn tal-Parlament li nassiguraw li dan is-suġġett jiġi trattat b'responsabbiltà u b'impenn kbir. Naħseb li wara li wrejna kemm konna kapaċi nirreaġixxu leġiżlattivament għall-appell tal-Ġudikatura f'din is-sentenza li nġiebet għall-attenzjoni tal-leġiżlatur minħabba din id-diskrepanza bejn it-test Malti u dak Ingliż, konvint li fiż-żmien li ġej se nkomplu nsaħħu l-liġijiet ta' pajjiżna f'dan is-settur daqstant importanti.

L-Onor. Claudette Buttigieg għamlet appell ġust ħafna biex nassiguraw li bħala pajjiż naderixxu ma' ċerti konvenzjonijiet. Fil-fatt, f'dan ir-

rigward irrid ngħid, kif anke ġibidli l-attenzjoni s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul li huwa responsabbli minn dan is-settur, li hemm impenn elettorali fil-manifest *Malta Flimkien*, proposta Nru 194, fejn jingħad li rridu ndaħħlu fis-seħħ il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Vjolenza u l-Fastidju fuq il-Post tax-Xogħol.

Dan huwa impenn elettorali li ċertament se nkunu qegħdin nonoraw f'din il-leġiżlatura. Kif ħafna japprezzaw, dak li jiġi propost fil-manifest elettorali, għalina huwa importanti, għaliex nafu kemm ikun hemm aspettattiva biex dak li nkunu kkommettejna ruħna dwaru, essenzjalment jitwettaq. Dawn huma inizjattivi li jkomplu jsaħħu mhux biss lil dawk li jkunu għaddejjin minn dawn is-sitwazzjonijiet imma lil pajjiżna u lis-soċjetà inġenerali. Dan għaliex, kif spjegajt fil-ftuħ ta' din id-diskussjoni, dawn huma offiżi u reati li jaffettwaw mhux biss lill-persuna li sfortunatament tkun soġġetta għal dawn is-sitwazzjonijiet, imma anke lis-soċjetà b'mod ġenerali.

Bħala riassunt ta' dan id-dibattitu, nista' ngħid li llum iddiskutejna emenda żgħira però neċessarja biex f'każijiet ta' dan it-tip ma tinħoloqx sitwazzjoni fejn ma sseħħx ġustizzja minħabba diskrepanza bejn it-test Malti u t-test Ingliż. Kif spjegajt aktar kmieni, fil-leġiżlazzjonijiet ta' pajjiżna jipprevali t-test Malti. Għaldaqstant, meta, bħal f'dan il-każ, ikun it-test Ingliż li jirrifletti l-intenzjoni aħħarija tal-leġiżlatur meta ppromulga l-liġi inkwestjoni, ikollna bilfors niġu f'dan il-Parlament b'intervent leġiżlattiv biex neliminaw din id-diskrepanza. B'hekk ma jibqax ikun ikkonsidrat li l-imġiba ta' min ikun qiegħed iwettaq l-offiża trid tkun waħda kumulattiva, jiġifieri l-offiżi jridu jkunu offensivi, umiljanti u intimidatorji flimkien u fl-istess waqt, imma tkun mifhuma skont it-test Ingliż. Dan ifisser li trid tokkorri waħda minn dawn ir-riżultanzi, indipendenti minn xulxin, jiġifieri li l-fastidju jkun jew offensiv, jew umiljanti, jew intimidatorju.

Hawn qed inwieġeb ukoll għal osservazzjoni li għamel ġustament l-Onor. Membru tal-Oppożizzjoni, li għandna nassiguraw li għall-finijiet ta' interpretazzjoni, dan il-punt nagħmluh ċar fid-dibattitu. Kif nafu, fuq kwestjonijiet ta' interpretazzjoni l-Qrati tagħna ġieli jirreferu għad-diskussjonijiet li jsiru fl-istadju tat-Tieni Qari u l-Kumitat ta' abbozz ta' liġi biex jagħrfu eżattament x'kienet l-intenzjoni tal-leġiżlatur meta jkun qiegħed jintervjeni, bħal f'dan il-każ.

B'dan l-intervent minimu imma importanti qegħdin nirrispondu għall-fatt li f'sentenza f'Marzu li għadda, l-Imħallef Consuelo Scerri Herrera ġibdet l-attenzjoni għal din id-diskrepanza bejn it-test Malti u t-test Ingliż. Dan huwa proċess importanti fis-sistema, mhux biss legali, imma anke politika ta' pajjiżna. Għandek istituzzjonijiet - f'dan il-każ qed nitkellmu dwar il-Qrati tal-Ġustizzja - li f'diversi okkażjonijiet jiġbdu l-attenzjoni tagħna bħala leġiżlaturi biex fejn ikun neċessarju jsiru dawn l-interventi. Kif irrimarkajt tajjeb inti, Sur President, dawn l-interventi huma meħtieġa biex anke nassiguraw li l-liġi tagħna tkun pożizzjonata, konformi u tirrispetta l-konvenzjonijiet u d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dak huwa parti mill-proċess importantissimu li għandu l-Eżekuttiv tal-pajjiż, imma wkoll il-Leġiżlattiv, li huwa l-Parlament, għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-liġijiet jiġu approvati mill-Parlament, l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Nemmen li din hija funzjoni essenzjali ħafna biex nassiguraw li s-sistema legali ta' pajjiżna tibqa' tiġi aġġornata u nirrispondu għax-xejriet, l-esiġenzi u l-ġurisprudenza li jiżviluppaw minn żmien għal żmien fuq diversi temi. Fil-jiem u fis-seduti li ġejjin se jkollna okkażjoni wkoll li nindirizzaw aspetti oħrajn importanti li l-Qorti, f'diversi okkażjonijiet, ġibditilna l-attenzjoni dwar diskrepanzi fil-liġijiet tagħna. Għaldaqstant, kemm mill-aspett eżekuttiv kif ukoll mill-aspett leġiżlattiv irridu nħarsu b'attenzjoni lejn dawn it-tip ta' liġijiet, biex nassiguraw li ssir ġustizzja. Il-ġustizzja ssir mhux billi jkollok sitwazzjoni fejn tpoġġi piż sproporzjonat fil-konfront ta' individwi għax ikunu allegatament wettqu reat. Irridu ngħixu f'soċjetà fejn kulħadd għandu jkun kontabbli ta' għemilu, kulħadd għandu jieħu dak li ħaqqu, imma m'għandux jieħu aktar minn dak li ħaqqu, jew b'mod sproporzjonat tant li jista' jwassal biex taffettwalu ħajtu negattivament.

Dan sempliċement għaliex ikollok liġijiet li dwarhom ikun hemm pronunzjament tal-Qrati lokali u anke tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar ċerti sitwazzjonijiet u jibqa' ma jsir xejn. Huwa l-obbligu tagħna bħala rappreżentanti tal-poplu li ġejna fdati b'din ir-responsabbiltà li nilleġiżlaw u nintervjenu. Dak ir-rwol nagħmluh b'impenn u b'dedikazzjoni,

partikolarment fis-settur tal-ġustizzja. Hija importanti l-ħtieġa li nħarsu b'mod kontinwu lejn dawn il-pronunzjamenti tal-Qrati tagħna, nirrispondu għalihom u nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn. Uħud minn dawn id-deċiżjonijiet ikunu kuraġġużi, imma fl-aħħar mill-aħħar dan huwa dak li huwa mistenni minna bħala rappreżentanti tal-poplu; li nieħdu dawk id-deċiżjonijiet, ebsin kemm ikunu ebsin, jew faċli kemm huma faċli, dejjem fl-interess tal-ġustizzja.

Naħseb li f'din il-leġiżlatura kellna diversi okkażjonijiet ta' dan it-tip, fejn iż-żewġ naħat tal-Kamra bl-aktar mod matur, wasalna għal deċiżjonijiet li jistgħu jagħmlu differenza kbira sabiex il-ġustizzja tiġi servuta. Kellna okkażjoni, fejn rajna l-maturità tal-Parlament, meta lleġiżlajna fir-rigward ta' dawk li kienu jwettqu, jew allegatament u possibbilment iwettqu self-harm fil-konfront tagħhom stess biex sempliċement itawlu l-proċess tal-ġustizzja. F'dak il-każ intervjenejna b'mod ta' proċess parlamentari spedit bi ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra.

Sur President, nemmen li fiż-żmien li ġej ser inkomplu nressqu dawn l-interventi leġiżlattivi li jassiguraw li mhux biss inkomplu nimmodernizzaw il-liġijiet ta' pajjiżna u nwasslu għal ġustizzja aktar effiċjenti, kif in-nies ġustament jistennew, imma wkoll li nibqgħu nilħqu l-aspettattivi ta' dawk li eleġġewna. L-intervent leġiżlattiv huwa funzjoni primarja u essenzjali tal-Parlament Malti u rridu nassiguraw li dan jibqa' jseħħ. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452" ikun moqri t-Tieni Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tieni Darba.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nipproponi li dan l-Abbozz ta' Liġi jitressaq quddiem il-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Min jissekonda?

**ONOR. ANDY ELLUL:** Nissekonda.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Il-mistoqsija hija l-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Skont ftehim milħuq, il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol huwa issa u se ngħaddu għall-Aġġornament. Insejjaħ lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul biex iressaq l-Aġġornament.

*Fis-6.48 p.m. skont il-ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-Aġġornament.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali - Tielet Qari;

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet – Votazzjoni;

Estimi Ġenerali għas-sena 2024 – Kumitat ta' Provvista Approprjazzjoni u l-Estimi Supplimentari (Tieni Approprjazzjoni) – Votazzjonijiet;

Jew xi aġenda oħra li tiġi kkomunikata aktar tard.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) - Kumitat Permanenti; u

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali - Kumitat Permanenti.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, Belt il-Ġmiel. Kemm tinstema' sabiħa! Dak huwa l-laqam li l-Eks Prim Ministru Dom Mintoff ta lill-Imtarfa. Malajr tinduna għalfejn din il-lokalità għandha dan il-laqam. Raħal pittoresk, bini sabiħ ta' żmien l-Ingliżi miżmum fi stat eċċezzjonali u spazji ħodor fejn wieħed jista' jintilef u jqatta' s-sigħat hemmhekk, forsi anke 'l barra minn lokalitajiet aktar storbjużi. Madankollu, sfortunatament, Gvern Laburista jara l-Imtarfa bħala lokalità li fiha jista' jaħtaf u jagħmel li jrid biha mingħajr wisq konsegwenzi. Se nispjega għalfejn qed ngħid dan.

Nibda minn kwestjoni li forsi fl-isfond ta' problemi nazzjonali tinstema' bħala xi ħaġa

żgħira, imma nixtieq nibda biha għax allaħares qatt jiġri xi ħaġa f'dan il-post. Qed nitkellem dwar soqfa ta' garaxxijiet taħt car park tal-Gvern fl-Imtarfa li bħalissa jinsabu fi stat ħażin ħafna. Dan mhuwiex bini abbandunat, imma huma garaxxijiet li jużawhom in-nies. Il-car park ta' fuq il-garaxxijiet huwa magħluq b'barrier, imma bil-mixi xorta jista' jidħol min irid. Jien m'iniex perit, imma jidher biċ-ċar li dan is-saqaf mhuwiex fi stat tajjeb. Dan apparti li hemm numru ta' parkeġġi li mhux qed jintużaw. Hawn irrid nitlob il-permess biex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra ritratti ta' dan is-saqaf li jidher fi stat pjuttost ħażin.

**ONOR. MICHAEL FARRUGA:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tliet ritratti li juru ħsarat fis-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet fl-Imtarfa.

Għamilt numru ta' mistoqsijiet parlamentari f'dan ir-rigward imma sfortunatament qisu l-Ministru mhux qed jara l-urġenza ta' dan il-każ. L-ewwel darbtejn li staqsejt lill-Ministru fuq din l-affari farfar u wieġeb billi qalli li se jwieġeb f'seduta oħra. Issa qalli li l-kwestjoni tirrikjedi kordinazzjoni bejn il-Kunsill Lokali, Infrastructure Malta u l-Awtorità tad-Djar. Jistgħu l-awtoritajiet jieħdu ftit responsabbiltà u jiċċaqilqu fuq dan il-każ? Ir-rampa u ż-żona ta' dawn il-garaxxijiet ilhom magħluqa għal ħafna xhur. Nerġa' ngħid, allaħares qatt jiġri xi ħaġa.

Problema oħra li hemm fl-Imtarfa hija li m'hemmx skola primarja. Fi Frar li għadda ġie deċiż li l-binja li kienet qed tospita l-istudenti tal-iskola primarja kellha tingħalaq peress li kien hemm problemi strutturali. Il-ħsara li hemm hija viżibbli minn barra u ilha viżibbli. Għalhekk ma kienet l-ebda sorpriża li dawn l-istudenti ma setgħux jibqgħu jitgħallmu f'din il-binja. Sfortunatament, il-Gvern kien ilu jaf b'dawn il-problemi u m'għamilx pjan biex jevita s-sitwazzjoni li qegħdin fiha llum. L-unika alternattiva li kien hemm kienet li dawn l-istudenti jintbagħtu fl-iskola primarja tal-Imsida u fis-sena skolastika l-ġdida ta' din is-sena marru r-Rabat. Jien m'iniex qed ngħid li l-istudenti kellhom jibqgħu f'din il-binja. Lanqas xejn. Jekk il-binja hija perikoluża l-istudenti kellhom jinħarġu 'l barra minnha. Però qed ngħid li kellu jkun hemm soluzzjoni li ma toħloqx problemi loġistiċi għall-istudenti u anke għall-ġenituri, li soluzzjoni li kellha tinstab ħafna aktar kmieni, u mhux minn ġurnata għal oħra. Il-binja hija skedata. Naf li hemm issues ta' pedamenti, jiġifieri biex titranġa se tieħu ż-żmien, imma aħna qed ngħidu li għandha tinstab binja oħra fl-Imtarfa biex dawn l-istess studenti jkunu jistgħu jitgħallmu fl-Imtarfa stess. Ma nixtieqx nisma' li m'hemmx fondi jew li m'hemmx siti fejn dan jista' jsir, għax fl-Imtarfa sabu sit għal kważi kollox, imma għat-tfal tagħna m'hemmx post biex jitgħallmu fl-Imtarfa! Kien għalhekk li jien għamilt laqgħa ma' numru ta' ġenituri ta' dawn it-tfal u flimkien rajna x'nistgħu nagħmlu.

Għamilt petizzjoni quddiem dan l-istess Parlament imma, sfortunatament, ma mxejniex 'il quddiem. Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, li huwa magħmul minn tliet Membri tal-Gvern u minn żewġ Membri tal-Oppożizzjoni, sema' dan il-każ u qabel li jikteb lill-Ministru għall-Edukazzjoni. Dan kien f'Ġunju li għadda. Sa Ottubru, meta kien hemm laqgħa oħra tal-Kumitat, il-Ministru lanqas indenja ruħu jirrispondi. Daqshekk jimpurtah mit-tfal tal-Imtarfa! F'dawn l-aħħar ftit ġimgħat bagħat lura u qal li hemm ħsara fil-binja. Din hija ovvja! Kulħadd jaf li tfal ma jistgħux imorru f'din l-iskola. Dak li qed nitolbu huwa li t-tfal tal-Imtarfa jkollhom skola fejn jitgħallmu fl-Imtarfa stess.

Skola oħra li ssemmiet fl-Imtarfa hija l-iskola internazzjonali ta' Haileybury. Fl-2019 il-Gvern għadda biċċa art, li kienet sptar navali, lil Haileybury Enterprises għal 40 sena, għax fl-2017 rebħu tender. Haileybury kellhom joperaw u jiżviluppaw dan is-sit fi skola internazzjonali. L-ewwel qalulna li fl-2021 se tinfetaħ din l-iskola, imbagħad qalulna fl-2022 u issa qalulna f'Settembru 2023. Jekk tmur hemm illum tara scaffolding li ilu hemm snin u sit li huwa magħluq. Fl-istess kuntratt kien hemm li Sport Malta, fost entitajiet oħra, kellhom jokkupaw parti mill-binja. Nistaqsi: Il-kondizzjonijiet tal-kuntratt qed ikunu rispettati? Jekk le, għalfejn is-sit għadu għandhom? X'se jiġri?

Għandna bżonn sit għall-iskola primarja u hemm sit magħluq ta' sptar navali fejn mhu qed isir xejn u ħadd m'għandu aċċess. Ftit metri 'l isfel mill-iskola primarja hemm il-maħżen magħruf mal-

Imtarfin bħala tal-Karnival. Fi żmien l-elezzjoni bdiet xniegħa li se jkun hemm ċentru terapewtiku għal żgħażagħ b'imġiba ħażina. Kien hemm laqgħa s-sena l-oħra fuq dan il-proġett, imma mil-laqgħa, li jien kont preżenti għaliha, ħadna ħaġa waħda biss; li dan il-proġett diġà għadda mill-Kabinett u se jsir. Ma jimpurtahomx minn dak li jaħsbu r-residenti tal-Imtarfa. Kien hemm rabja u reżistenza kbira mill-Imtarfin għax kienet deċiżjoni li ħasdithom. Però, kellhom jaċċettaw realtà ġdida li kienet agħar minn qabel, fejn kellhom iċedu biċċa oħra u mbagħad biċċa oħra. Ilni sena nistaqsi x'se jiġri minn dan il-proġett, imma ma smajna xejn u bqajna mingħajr konsultazzjoni.

Fl-Imtarfa hemm ukoll problemi ta' ilma li kuljum nisimgħu dwarhom. Kellimt lil xi ħadd li qalli li kuljum preċett qed ikun hemm toroq sħaħ li jitħallew bla ilma għal sigħat twal. Apparti minn hekk, hemm ħsarat ukoll fit-toroq. Kien hemm triq li sar proġett fiha, mid-dehra nqata' d-dawl u din il-ħsara ma ssewwietx, bir-riżultat li għadhom fid-dlam. Forsi wieħed jgħidli li dawn huma kwestjonijiet żgħar, imma għar-residenti tal-Imtarfa huma kwestjonijiet kbar. Hemm residenti fl-istess triq li sar dan il-proġett li għadni kif semmejt li qed jgħidu li ġara xi ħaġa u l-qlib tal-ilma tax-xita inbidel u f'daqqa waħda qed jegħrqu l-garaxxijiet.

Qaluli wkoll li issa ilu madwar erba' snin minn meta sar dan il-proġett u l-gully ma baqax effettiv. Jien staqsejt lill-Ministru kkonċernat dwar dak li qalli li meta sar dan il-proġett ma ġratx din il-biċċa tax-xogħol. Ovvjament, m'iniex se mmerih għax ma kontx hemm, imma r-residenti qed jgħidu li t-triq ġiet taqleb għall-garaxxijiet u għalhekk qed jimtlew kollha ilma tax-xita. Fil-fehma tiegħi għandha tinstab soluzzjoni u mhux kulħadd jgħid li mhuwiex responsabbli. Kulma hemm bżonn hu li jsir gully għax bħalissa dawn ir-residenti ma jistgħux jużaw il-garaxxijiet tagħhom.

Sur President, matul is-snin, l-Imtarfa ġiet mgħobbija b'ħafna proġetti oħrajn, li minnhom ma jibbenefikawx direttament l-Imtarfin u n-nies tal-lokalità. Sfortunatament, meta jiġu bżonn xi ħaġa, in-nies tal-Imtarfa qed jibqgħu b'xejn. L-Imtarfa trid terġa' tkun tan-nies u nispera li tibqa' Belt il-Ġmiel! Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Janice Chetcuti.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, meta nitkellmu fuq l-annimali u l-ħarsien tagħhom f'pajjiżna żgur li ma nistgħux ma nirreferux b'mod speċjali għal tant volontiera li kontinwament jagħmluha parti mill-ħajja tagħhom li lill-annimali tagħna jagħtuhom il-ħin, l-attenzjoni, l-enerġija u anke parti sostanzjali mill-finanzi tagħhom. Żgur li mingħajr is-santwarji, il-cat cafés u l-NGOs li għandna f'pajjiżna, ħafna mill-ġid li qed isir attwalment jieqaf ħesrem. Dan minħabba l-fatt li l-Gvern preżenti ftit li xejn qed jagħti importanza, li hija tant mistħoqqa, lill-annimali u l-ħarsien tagħhom. Bħala kelliema għall-annimali f'isem l-Oppożizzjoni, wieħed mill-eżerċizzji bażiċi li qed nara li nagħmel b'mod regolari huwa proprju li nżur santwarji varji, cat cafés u postijiet oħra fejn jinżammu l-annimali. Hemmhekk niltaqa', nitkellem u nisma' ħafna nies li fil-ħajja tagħhom ta' kuljum jagħtu kenn lill-annimali f'postijiet differenti.

Uġigħ wieħed komuni fost dawn il-volontiera kollha żgur li jibqa' n-nuqqas ta' sapport kbir li għandhom bżonn, primarjament u ovvjament mill-Gvern. Dan is-sapport tant bżonjuż jibda l-ewwel u qabel kollox min-nuqqas ta' fondi allokati biex dawn l-entitajiet ikunu jistgħu jmexxu dawn il-postijiet. Il-volontiera qed jieħdu din il-problema, jien ngħid nazzjonali, fuqhom. Għandna numru kbir ta' annimali li ta' kuljum jispiċċaw abbandunati u permezz tal-enerġija ta' dawn il-volontiera, flimkien ukoll ma' piż finanzjarju, ħafna drabi qed idaħħluhom għandhom fi djarhom, fis-santwarji u f'postijiet differenti biex jieħdu ħsiebhom. Dan il-piż jidħlu għalih għax qalbhom ma tagħtihomx li jħarsu n-naħa l-oħra meta jaraw annimal abbandunat, bil-ġuħ u ħafna drabi anke muġugħ fit-triq. Ħafna drabi dan iwassal ukoll biex jieħdu aktar annimali milli kważi jkunu jistgħu jieħdu ħsieb. Però dan jagħmluh, nerġa' ngħid, għax qalbhom ma tagħtihomx li jħarsu n-naħa l-oħra.

Hawn se nipprova, għal ftit sekondi biss, nilbes iż-żarbun ta' dawn il-volontiera. Dan speċjalment wara li ilni kważi ġimgħa nwieġeb telefonati kontinwi li qed jagħmluli ħafna volontiera, li huma inkwetati wara s-sitwazzjoni li ġrat f'pajjiżna l-ġimgħa l-oħra f'cat café partikolari. Huma qed jinkwetaw li anke huma jistgħu jiġu kkastigati talli qed jagħmlu dan ix-xogħol. Il-mistoqsijiet prinċipali li qegħdin jaslu għandi huma proprju dawn li se nsemmi. Se naqrahom, ħalli żgur ma niħux żball. Dawn qed jistaqsu:

Allura jekk insib qattus jew kelb f'kondizzjoni verament ħażina u ndaħħlu għandi, u xi ħadd jirrapporta li jarah għandi, f'din is-sitwazzjoni neħel jien? Kif se jiġi determinat kemm nista' jew ma nistax ngħin, nikkura u ndaħħal annimali għandi?

X'nagħmel jekk ma niflaħx inħalli dan l-annimal barra u ndaħħlu mal-oħrajn? Fil-verità, jien għandi wkoll annimali misjuba mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali li ma kellhomx post għalihom u tawhom lili. Aħna filgħodu, malli nidħlu fis-santwarju, ovvjament ikollna l-ħmieġ li jkun sar matul il-lejl mill-annimali li jibqgħu hemmhekk. Allura jekk issirilna spezzjoni f'dak il-ħin ifisser li ma nkunux qed inżommu l-annimali tagħna kif suppost? Aħna nitimgħu qabel nitilqu. Sa filgħodu l-annimali x'aktarx ikunu kielu l-ikel kollu li nkunu ħallejnielhom. Allura jekk issir spezzjoni filgħodu jfisser li aħna ma nitimgħuhomx? Dan kien biss ftit mill-inkwiet li dawn in-nies f'dawn is-santwarji qed ikollhom, speċjalment wara li raw dak li ġara l-ġimgħa l-oħra.

Waħda mill-ftit wegħdiet li għamel il-Gvern f'dan il-Baġit li għadu kif għadda kienet proprju li dawn il-postijiet li fihom jinżammu dawn l-annimali vulnerabbli se jiġu megħjuna biex ikunu jistgħu jkomplu jagħtu dan is-servizz. Nixtieq li l-Gvern jagħtina stampa ċara kif se jkun qed jgħin lil dawn is-santwarji u cat cafés. Nixtieq li l-Ministru kkonċernat responsabbli mill-ħarsien tal-annimali jgħid kif se joffri dawn is-servizzi. Ġew imsemmija servizzi ta' għajnuna fejn jidħlu riżorsi umani, fis-sens li s-santwarji jistgħu jiġu megħjuna f'tiswijiet u manutenzjoni, għax dan jiffaċilita ħafna mill-problemi li hemm f'dawn il-postijiet. Saħansitra, fil-manifest elettorali tal-Gvern kien imwiegħed ukoll li se jinħolqu cat cafés flimkien mal-kunsilli lokali f'kull raħal f'Malta. Hawnhekk nistaqsi: Jekk il-Gvern bħalissa lanqas qed jirnexxilu jgħin cat cafés eżistenti, kif se jkun qiegħed joħloq aktar cat cafés u jagħtihom l-għajnuna li għandhom bżonn?

Niġi issa għall-każ partikolari li rajna l-ġimgħa l-oħra, li kien fuq fomm kulħadd, speċjalment fuq fommna li nħobbu l-annimali u naraw li nagħtu kas ta' kull annimal li jiġi quddiemna. Se nsemmi dan il-każ partikolari, anke minħabba li jien fil-ġimgħat li għaddew żort dan il-cat café. Nammetti li l-ewwel ħaġa li nnotajt xħin dħalt fil-post kienet proprju li kien hemm ħafna u ħafna qtates. Ħafna minnhom kienu f'sitwazzjoni tajba, il-pil kien tajjeb u kienu jidhru li huma b'saħħithom. Però kien hemm uħud minnhom li ma kinux jidhru b'saħħithom. Jien nifhimha din il-ħaġa, speċjalment minħabba li ħafna mill-volontiera li jieħdu ħsieb dawn is-santwarji jdaħħlu annimali li jsibuhom fi stat ta' abbandun u abbuż.

Għaldaqstant jien nemmen li dawn idaħħluhom sabiex jagħtuhom il-kura neċessarja kollha li jkollhom bżonn. Fil-fatt, fl-immedjat, malli mort inżur dan il-post, l-ewwel ħaġa li għamilt kienet li tellajt post fuq il-midja soċjali fejn tlabt l-għajnuna ta' kull min bħali għandu għal qalbu l-annimali u għamilt invit biex in-nies iżuru dan il-post, jaraw b'għajnejhom stess kemm kien hemm qtates li kellhom bżonn li jiġu addottati, ħalli jingħatalhom post fil-familji tagħna.

Jien nista' nitkellem biss fuq id-drabi li żort personalment dan il-cat café. Il-personalità tiegħi tirrikjedi li nkun ġusta, onesta u li dejjem ngħid il-verità, anke jekk forsi wieħed jista' jinterpretaha b'modi differenti. Meta jien mort f'dan il-post partikolari kien hemm konterituri twal bl-ikel u bl-ilma frisk għal dawn l-annimali, u kien hemm ħafna mill-qtates li ma kinux qegħdin jieklu, għax ma kellhomx ġuħ. Dawn kienu qegħdin jitlajjaw fix-xemx fuq benniena u f'diversi postijiet fejn setgħu joqogħdu komdi.

Din kienet l-istampa li rajt meta mort f'dan il-post. Ma nkunx ġusta jekk nibqa' siekta u dak li rajt u osservajt ma ngħidux f'din il-Kamra. Żgur li qatt ma nkun jien dik li naċċetta li nidħol f'post fejn possibbilment ikun hemm l-abbuż u ma nitkellimx dwaru. Kull min jafni jaf kemm l-ebda tip ta' abbuż ma jibqa' għaddej miegħi. Ma nafx x'sabu nhar il-Ġimgħa meta l-uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali marru f'dan il-post. Biss, meta ġimgħat ilu jien żort dan il-post, din kienet l-istampa li rajt. Inħoss li qed nagħmel ġustizzja meta ngħid dak li verament rajt.

Il-volontiera f'dan il-post mill-ewwel aċċennawli li kellhom problema enormi fuq l-iskart li jiġi ġġenerat ta' kuljum minħabba li minbarra dan il-cat café hemm inġenji kbar li qegħdin iħaffru. Fil-fatt l-aċċess għal dan il-post kien totalment magħluq u ma setax jinħareġ l-iskart bil-mod kif jinħareġ is-soltu. Dan għax bħalissa l-blat tal-madwar huwa mikxuf. Urewni wkoll kif is-sandpits li jintużaw partikolarment biex dawn l-

annimali jħammġu fihom, ta' kull ġimgħa jiġu mnaddfa u l-iskart jinħareġ minn hemmhekk. Però l-vettura li s-soltu tagħmel dan ix-xogħol ma setgħetx tidħol fil-post. Biss, din ma kinitx skuża biżżejjed u ovvjament tkellimna fuq il-bżonn li l-iskart b'xi mod jew ieħor irid jinħareġ b'mod regolari. Naf li fil-ġimgħat li għaddew dan l-iskart fil-fatt ħareġ kollu jew fil-parti l-kbira tiegħu.

Irrid ngħid li dawn il-volontiera għandhom il-biża' li fejn beda jitħaffer il-blat isir proġett ġdid, li fl-opinjoni tiegħi huwa proġett mill-isbaħ ta' therapeutic farm, fejn se jkun hemm annimali oħra li jintużaw bħala servizz ta' terapija għall-anzjani li joqogħdu fl-isptar fil-viċin. Il-volontiera bdew jaħsbu li jista' jkun li l-qtates ma kienx se jibqgħalhom post hemmhekk. Jien naħseb li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-management tal-isptar u l-management ta' dan il-cat café. Nemmen li l-komunikazzjoni hija dejjem il-qofol ta' kollox biex xi ħaġa tirnexxi u tibqa' għaddejja. Għaldaqstant qed noffri li anke jien nagħti l-kenn u s-servizz tiegħi ħalli nipprovaw insibu t-triq 'il quddiem.

Waqt li qed ngħid dan kollu rrid nenfasizza li jien dejjem inħoss li għandha ssir ġustizzja favur l-annimali kollha, speċjalment dawk li jkunu ġew salvati minn sitwazzjoni ta' abbuż. Dawn l-annimali diġà jkunu għaddew minn ħafna sitwazzjonijiet koroh. Għaldaqstant nemmen li m'għandhom qatt jerġgħu jitpoġġew f'sitwazzjoni fejn dawn jistgħu jkunu agħar. Għalhekk nitlob li ssir investigazzjoni serja dwar x'ġara f'dan il-każ partikolari. Importanti li wieħed ma jħalli l-ebda dettall barra, għax kwalunkwe dettall li jitħalla barra jista' jpoġġi f'dawl ikrah lil xi ħadd u ma tinħariġx l-istorja fit-totalità tagħha. Kellmuni kemm nies li faħħru l-intervent li kien qed isir f'dan il-cat café, fejn il-volontiera addottaw l-annimali u kienu qed jagħtu s-servizz u l-għajnuna tagħhom, kif ukoll nies li ovvjament iddispjaċihom li l-qtates setgħu tpoġġew f'sitwazzjoni fejn ma kenux kuntenti. Għaldaqstant nappella li ssir din l-investigazzjoni ħalli toħroġ il-verità assoluta.

Nemmen però, Sur President, li l-Gvern irid jara kif ikompli jagħti sostenn lil dawn il-postijiet li ta' kuljum qed jagħtu din l-għajnuna kbira lill-annimali kollha li jkunu fil-bżonn. Nistaqsi: Ma kienx ikun aktar għaqli li l-Gvern jagħti sostenn milli niġu f'din is-sitwazzjoni fejn issa qed naraw dawn l-akkużi ta' abbuż? Jien insostni li l-uffiċjali għandhom imorru regolarment f'dawn il-postijiet biex jaraw jekk ikunux up to standard u malli wieħed jinnota xi ħaġa li forsi ma tkunx sejra tajjeb, jiġbed l-attenzjoni mill-ewwel. Hawn hu fejn jidħol il-Gvern.

Meta post partikolari li jkun dejjem ta l-għajnuna u s-sostenn tiegħu ikollu bżonn ftit għajnuna, wieħed għandu jkun ta' spalla. Nemmen li l-Gvern ikun verament suċċess, anke fejn jidħol dan il-kamp tal-annimali, meta joffri din l-għajnuna lil dawn il-postijiet. Mhux l-ewwel darba li l-Gvern jiġi bżonn dawn il-volontiera fil-cat cafés u s-santwarji, għax ma jkollux post fejn jitfa' l-annimali li jsib. Għaldaqstant huwa importanti li meta dawn il-cat cafés u s-santwarji jkollhom bżonn kwalunkwe tip ta' għajnuna, il-Gvern irid ikun hemm biex jagħti s-sostenn tiegħu.

Mhux talli hekk, talli f'Jannar li għadda bħala Oppożizzjoni ntlabna nattendu għall-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, fejn iddiskutejna l-andament tal-isptar tal-annimali, l-APH Veterinary Hospital. Meta fetaħ dan l-isptar, l-għan ewlieni tiegħu kien li jagħti għajnuna u sostenn lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u lill-NGOs. F'dan il-Kumitat f'Jannar li għadda ntlabna li nagħtu approvazzjoni, anke min-naħa tagħna, li jogħlew il-prezzijiet f'dan l-isptar. Ovvjament, bħala Oppożizzjoni ma qbilniex. Illum, li ninsabu f'Diċembru u qed naraw li l-isptar ilu magħluq minn Awwissu, nistaqsu: Ir-raġuni għalfejn dan l-isptar ingħalaq kienet verament minħabba ħsarat li ġarrab minħabba qtugħ ta' dawl? Jew forsi l-fatt li ma aċċettajniex li jogħlew il-prezzijiet ta' dan il-post għandu x'jaqsam f'dan kollu? Din hija problema oħra li s-santwarji u nies li jaħdmu f'dawn il-cat cafés isibu. Il-mediċina u s-servizzi veterinarji huma spiża kbira li jidħlu għaliha. Din mhijiex skuża, għax ġaladarba dħalt għal din ir-responsabbiltà, trid tara li l-annimali kollha li għandek taħt il-kura tiegħek jingħataw din il-kura. Però anke hawnhekk il-Gvern falla, għax mhux qed jagħti dan l-impetu u l-għajnuna lil dawn il-volontiera.

Agħar minn hekk, il-Gvern tliet darbiet fis-sena jibgħat nies f'dawn il-postijiet biex jidentifikaw kemm hemm annimali u skont in-numru ta' annimali jingħataw fondi wara dawn it-tliet żjarat. Illum qegħdin f'Diċembru u dawn it-tliet żjarat għadhom ma sarux! Ovvjament il-fondi għadhom ma ngħatawx. Huwa importanti li

nsemmi li dawn il-fondi huma ta' €45 għal kull annimal li s-santwarju jkollu fih. Għidli int b'€45 f'sena għal kull annimal x'se tagħmel? Għidli int x'se tagħmel jekk dawn il-fondi din is-sena għadhom lanqas biss ingħataw?

Xi ħaġa oħra li waslet għandi, li diġà semmejtha u se nerġa' nsemmiha, hija li l-fosterers, li d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali juża biex jgħinuh li jinstabu familji li jaddottaw l-annimali meta jinstabu friegħ ta' qtates, jingħataw ammont ta' flus żgħir biex b'xi mod jikkumpensa għall-ħin u l-ispejjeż kollha involuti. Illum il-fosterers jgħiduli li għadhom ma tħallsux minn Jannar 2022. Għidli int kif jista' d-Direttorat isib fosterers li jgħinuh meta għadu lanqas biss ħallas lil dawk li kellu qabel?

Sur President, ftit jiswa l-kliem tiegħi meta tara l-bżonnijiet u l-istress ta' kuljum li jgħixu dawn il-ħafna volontiera li jgħinu lil dawn imsejkna annimali vulnerabbli. Minn hawn nirringrazzjahom minn qalbi, f'isem ukoll dawn l-annimali. Però nħoss li hemm bżonn li dawn il-volontiera jinstemgħu aktar. Lil dawn in-nies irridu naraw li nagħtuhom l-appoġġ u mhux ninjorawhom u nkomplu ngħakksuhom aktar milli ngħinuhom. Qed ngħid aħna, għax bħala Oppożizzjoni qegħdin nuru biċ-ċar li rridu nkunu l-vuċi tal-annimali. Però mhux biss. Irridu nkunu l-vuċi wkoll ta' dawk kollha li bħali għandhom għal qalbhom l-annimali. Għaldaqstant nitlobhom li jkomplu jagħmlu kuntatt miegħi, għax irrid inkompli nisma' dak kollu li mhux qed jiffunzjona hemm barra u nwassal il-messaġġ f'din il-Kamra. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

*Fis-7.20 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### ENEMALTA - INVESTIMENT GĦAL PROVVISTA AĦJAR TAL-ELETTRIKU

**11902. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Fid-dawl li fl-4 t'Awwissu 2022 ġie rrappurtat li l-Enemalta għamlet 15-il miljun ewro investiment fis-sena għal provvista aħjar tal-elettriku, tista' l-Ministru tagħti rendikont dettaljat tal-15-il miljun ewro investiment fl-aħħar sena biex ikun hemm provvista tad-dawl mingħajr interruzzjoni? Tista' l-Ministru tqiegħed d-dokumenti relatati fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Rendikont ta' kif sar l-investiment fl-aħħar sentejn mill-Enemalta biex tissaħħaħ is-sistema li twassal il-provvista tal-elettriku lill-klijenti f'Malta u Għawdex tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti. Dan l-investiment li ammonta għal total ta' €31,434,374 kien jinkludi upgrading taċ-ċentri tad-distribuzzjoni, tqegħid ta' kilometri ta' cables ta' vultaġġi differenti, l-installazzjoni ta' linji ġodda f'diversi lokalitajiet, substations ġodda, l-immodernizzar u l-awtomatizzazzjoni ta' ħafna substations eżistenti, fost xogħlijiet oħrajn.

### MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA

**11943. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tagħha tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Fil-każ tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza r-risposta hija fin-negattiv.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11944. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11935.

**JUDICIAL STUDIES COMMITTEE - ATTIVITAJIET**

**11945. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-attivitajiet li l-Judicial Studies Committee organizza bejn Mejju u Lulju 2023 għall-Membri tal-Ġudikatura, inkluż il-ħarġa li kellhom f'Ġunju 2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440.

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – PERMESSI GĦALL-PARKING**

**11980. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'kien in-numru ta' permessi għall-parking għal persuni b'diżabilità quddiem djar residenzjali sena b'sena, fl-aħħar għaxar snin?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**LAWYERS' ACT**

**11981. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex titwettaq il-wegħda li jkun hemm Lawyers' Act?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Fir-rigward tal-Lawyers' Act hemm proċess għaddej b'diskussjonijiet ma' numru ta' stakeholders, prinċipalment il-Kamra tal-Avukati. F'dan ir-rigward, il-Ministeru jrid jirriassumi d-diskussjonijiet mal-Kumitat il-ġdid tal-Kamra tal-Avukati.

**PJAN GĦAL QRATI F'BINI BARRA L-BELT VALLETTA**

**11982. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk ikkomunikax mal-Kamra tal-Avukati l-pjan tiegħu li diversi Qrati (bħall-Qorti Kummerċjali) ikunu f'bini lil hinn mill-Belt Valletta u, jekk iva, jista' jagħti indikazzjoni tal-lokalitajiet identifikati?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Id-dettalji dwar il-Qorti Kummerċjali u l-binja se jitħabbru fil-mument opportun. Niċċara però li rigward il-binja tal-Qorti Kummerċjali qatt ma ntqal li din se tkun lil hinn mill-Belt Valletta, kif timplika l-istess mistoqsija. Il-Ministeru jżomm djalogu miftuħ mal-istakeholders kollha fis-settur.

**REMUNERAZZJONI LIL INDIVIDWU**

**12019. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'konsulenzi jew ħatriet okkupa l-individwu, li d-dettalji dwaru qegħdin jingħataw separatament, minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-

mistoqsija parlamentari? X'kienu dawn il-konsulenzi u l-ħatriet u kemm jitħallas għal kull konsulenza u ħatra? Jista' jgħid ukoll x'konsulenzi jew ħatriet kien għadu qed jokkupa f'Awwissu 2023?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Il-persuna li qed issir referenza għaliha ma ngħatat ebda konsulenza jew ħatra mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru jew entitajiet fi ħdanu fil-perjodu li qed tirreferi għalih.

**PROSTITUZZJONI U TLAJJAR - PIENA**

**12120. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10762 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, u jgħid kemm kienet il-piena ta' priġunerija għal nisa li nstabu ħatja ta' prostituzzjoni u tlajjar rispettivament?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din l-istatistika minħabba li dawn huma kawżi tad-distrett.

**STATISTIKA DWAR KATEGORIJA TAL-ILMENTI**

**12121. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10679 u jagħti statistika tal-kategoriji tal-ilmenti li saru fl-2022 u fl-2023?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Il-maġġoranza tad-domandi u ilmenti li jirċievi l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu jistgħu jiġu kategorizzati kif ġej:

- Mistoqsijiet rigward grants;
- Mistoqsijiet u ilmenti rigward il-liċenzji tas-sewqan;
- Mistoqsijiet u ilmenti rigward it-trasport pubbliku;
- Mistoqsijiet u ilmenti rigward road markings u sinjali tat-traffiku;
- Mistoqsijiet u ilmenti rigward irmiġġi fil-baħar;
- Ilmenti rigward vetturi abbandunati kif ukoll vetturi pparkjati b'mod irregolari;
- Mistoqsijiet u ilmenti relatati mal-Y-plates;
- Domandi u ilmenti rigward parkeġġi riżervati;
- Mistoqsijiet u ilmenti dwar xogħlijiet fit-toroq kif ukoll permessi tal-istess xogħlijiet.

**KAROZZI TAL-LINJA – INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU**

**12122. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10667 u jgħid kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku li fihom kienu involuti karozza tal-linja minn Jannar sa Ġunju 2023?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** L-operatur tat-trasport pubbliku rrapporta li 529 inċident seħħew bejn il-karozza tal-linja u xi vettura oħra (wieħed jirrimarka li l-maġġoranza ta' dawn kienu inċident minuri bħal "bumper to bumper"), kien hemm 224 inċident fejn il-karozza tal-linja laqtet xi oġġett, tliet inċidenti li fihom kienu involuti xi persuni, kif ukoll 106 inċidenti li ma kinux ikklassifikati (miscellaneous).

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13292. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13293. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien

hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13294. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13295. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** Sal-aħħar tas-sena 2023 se jkunu ntnefqu €245,502,267.11 fondi li ġejjin mill-Unjoni Ewropea.

L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13296. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Tista' tgħid ukoll liema kienu u liema huma u tagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13297. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - ENTITAJIET REGOLATORJI**

**13504. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, f'kull każ tgħid:

a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u, jekk iva, tgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn

applikabbli tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?

b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?

ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - ENTITAJIET REGOLATORJI

**13505. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, f'kull każ jgħid:

a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?

b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?

ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - ENTITAJIET REGOLATORJI

**13506. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, f'kull każ tgħid:

a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, tgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?

b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?

ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - ENTITAJIET REGOLATORJI

**13507. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, fir-rigward ta' entitajiet

regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, f'kull każ jgħid:

a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?

b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?

ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - ENTITAJIET REGOLATORJI

**13508. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, f'kull każ jgħid:

a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?

b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?

ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ENTITAJIET REGOLATORJI

**13509. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, f'kull każ jgħid:

a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?

b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?

ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: CHINESE CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13689. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Chinese Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pazjenti li għamlu użu mill-Outpatients Department, Chinese Clinic, huma skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of attendances Chinese clinic, MDH |
|---|---|
| 2012 | 3,618 |
| 2013 | 3,293 |
| 2014 | 2,913 |
| 2015 | 3,001 |
| 2016 | 3,034 |
| 2017 | 2,834 |
| 2018 | 3,002 |
| 2019 | 2,782 |
| 2020 | 1,694 |
| 2021 | 2,337 |
| 2022 | 1,464 |
| Jan-Oct 2023 | 2,258 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: DERMATOLOGY CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13690. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Dermatology Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pazjenti li għamlu użu mill-Outpatients Department – Dermatology Clinic huma skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of outpatient attendances Dermatology Outpatient Clinic MDH |
|---|---|
| 2012 | 25,038 |
| 2013 | 27,116 |
| 2014 | 26,311 |
| 2015 | 25,655 |
| 2016 | 28,572 |
| 2017 | 29,049 |
| 2018 | 30,490 |
| 2019 | 32,094 |
| 2020 | 18,846 |
| 2021 | 23,293 |
| 2022 | 27,309 |
| Jan-Nov 2023 | 24,832 |

**INFECTION CONTROL UNIT – APPUNTAMENTI**

**13691. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm pazjenti li għamlu użu mill-Infection Control Unit?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pazjenti li għamlu użu mill-Infection Control Unit huma skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of attendances Infection Control Unit |
|---|---|
| 2012 | 3,490 |
| 2013 | 3,289 |
| 2014 | 4,018 |
| 2015 | 3,904 |
| 2016 | 4,619 |
| 2017 | 4,407 |
| 2018 | 4,967 |
| 2019 | 4,810 |
| 2020 | 4,897 |
| 2021 | 5,729 |
| 2022 | 6,027 |
| 2023 (sa Ottubru) | 3,478 |

**MEDICAL OUTPATIENTS 4 – APPUNTAMENTI**

**13692. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fil-Medical Outpatients 4 (MOP4)?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pazjenti li għamlu użu mill-Medical Outpatients 4 huma skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of outpatient attendances MOP4 clinics MDH |
|---|---|
| 2018 | 18,851 |
| 2019 | 19,828 |
| 2020 | 17,322 |
| 2021 | 16,224 |
| 2022 | 21,844 |
| Jan-Oct 2023 | 20,754 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: PAIN CLINIC – APPUNTAMENTI**

**13693. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Pain Clinic?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pazjenti li għamlu użu mill-Pain Clinic tal-Outpatients Department huwa skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of outpatient attendances Pain clinic MDH |
|---|---|
| 2012 | 2,149 |
| 2013 | 2,648 |
| 2014 | 3,647 |
| 2015 | 3,471 |
| 2016 | 3,420 |
| 2017 | 3,610 |
| 2018 | 3,757 |
| 2019 | 3,812 |
| 2020 | 2,109 |
| 2021 | 4,018 |
| 2022 | 3,644 |
| Jan-Oct 2023 | 3,182 |

**OUTPATIENTS DEPARTMENT: PHOTOTHERAPY ULTRAVIOLET UNIT – APPUNTAMENTI**

**13694. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fl-Outpatients Phototherapy Ultraviolet Unit?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pazjenti li għamlu użu mill-Phototherapy Ultraviolet Unit tal-Outpatients Department huwa skont it-tabella t'hawn taħt:

| Year | Number of attendances outpatients phototherapy ultraviolet unit, MDH |
|---|---|
| 2012 | 5,645 |
| 2013 | 6,478 |
| 2014 | 7,399 |
| 2015 | 8,579 |
| 2016 | 9,797 |
| 2017 | 11,212 |
| 2018 | 11,325 |
| 2019 | 10,678 |
| 2020 | 2,624 |
| 2021 | 8,468 |
| 2022 | 9,256 |
| Jan-Nov 2023 | 9,409 |

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – POSITIONS OF TRUST**

**13761. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġati fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust)

fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – POSITIONS OF TRUST

**13762. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġati fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – POSITIONS OF TRUST

**13763. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġati fil-Ministeru tagħha f'position of trust?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru, hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – POSITIONS OF TRUST

**13764. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġati fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust), fil-Ministeru, hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – POSITIONS OF TRUST

**13765. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġati fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20989 tat-Tlettax-il Leġiżlatura.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – POSITIONS OF TRUST

**13766. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġati fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza hemm 14-il persuna ingaġġata f'position of trust skont il-manwal tal-Kabinett li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

## SAN PAWL IL-BAĦAR - RAPPORTI TA' FAWRAN TA' DRENAĠĠ

**13900. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13527 dwar rapporti ta' fawran ta' drenaġġ, tista' l-Ministru, għal kull ilment, tinforma meta sar dan l-ilment u liema triq kien jikkonċerna l-ilment?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Kif diġà spjegajt fit-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 13527, il-maġġoranza tal-każi ġraw b'riżultat ta' rimi ta' effluwenti li mhux permissibbli li jintremew fis-sistema tad-drenaġġ, bħal debris, wipes, ġebel u xaħmijiet.

## TERAPIJA TAT-TFAL B'DIŻABILITÀ KREDITU TAT-TAXXA GĦAL

**13901. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur ibbenefika mill-kreditu tat-taxxa għal terapija ta' tfal b'diżabilità ghal kull sena minn mindu beda jingħata dan il-kreditu?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Peress li din hija miżura ġdida, l-informazzjoni tkun tista' tibda tingħata mis-sena d-dieħla, meta jinħadmu l-kontijiet tat-taxxa għas-sena 2023, kif diġà ġie spjegat fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13526.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPLIMENTAZZJONI TA' DIRETTIVI TAL-UE

**13939. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12954 u jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali matul is-sena 2023 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

**ONOR. ANTON REFALO:** Id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali li kellhom data ta' skadenza għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali fis-sena 2023 u li ġew trasposti huma s-segwenti:

| **Direttiva** | **Skadenza għat-traspożizzjoni** |
|---|---|
| Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1647 tat-23 ta' Settembru 2022 li temenda d-Direttiva 2003/90/KE fir-rigward ta' deroga għall-varjetajiet organiċi ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli adattati għall-produzzjoni organika | 30/06/2023 |
| Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1648 tat-23 ta' Settembru 2022 li temenda d-Direttiva 2003/91/KE fir-rigward ta' deroga għal varjetajiet organiċi ta' speċi ta' ħxejjex adattati għall-produzzjoni organika | 30/06/2023 |
| Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2438 tat-12 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Direttiva 93/49/KEE u d-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/98/UE fir-rigward ta' pesti mhux ta' kwarantina regolati mill-Unjoni fuq materjal ta' propagazzjoni ta' pjanti ornamentali, materjal ta' propagazzjoni ta' pjanti tal-frott u pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott | 30/06/2023 |

Dik id-Direttiva li għandha pendenti hija:

| **Direttiva** | **Skadenza għat-traspożizzjoni** |
|---|---|
| Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1438 tal-10 ta' Lulju 2023 li temenda d-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE fir-rigward tal-protokolli għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli u speċi ta' ħxejjex. | 31/12/2023 |

## RAĦAL ĠDID: PJAZZA ANTOINE DE PAULE – XOGĦLIJIET

**13940. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħlijiet li jridu jsiru mill-ġdid fil-Pjazza Antoine de Paule, f'Raħal Ġdid humiex se jsiru tul is-sena 2024?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fil-mument għaddejjin diskussjonijiet bejn il-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid, Infrastructure Malta u Transport Malta biex tinsab soluzzjoni fit-tul għal din it-triq.

## BIRGU: CASINO DI VENEZIA - ŻVILUPP

**13941. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tal-Eks Casino di Venezia, fil-Birgu?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** M'għandi xejn xi nżid mat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 6940.

**ĦAL KIRKOP - RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**13943. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13577 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Kirkop, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**BDIEWA REĠISTRATI**

**13944. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13578 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**13945. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13579 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**13946. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13580 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**13947. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13581 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti s-Siġġiewi, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**ĦAL KIRKOP - RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**13948. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13582 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Kirkop, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**RESTAWR TA' KOTBA**

**13949. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bit-titoli tal-kotba li ġew restawrati fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI**

**13956. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817, 3157, 3718, 4254 u 13856 u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ: KULLEĠĠ SAN INJAZJU - KAPIJIET TAL-ISKOLA**

**13957. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12152, 12517, 12993 u 13869 u jgħid fl-aħħar tliet snin kemm kapijiet tal-iskola differenti kienu inkarigati mit-tmexxija tal-Kulleġġ San Injazju Ħaż-Żebbuġ Primary?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Fl-iskola msemmija, matul dawn l-aħħar tliet snin kien hemm ħames kapijiet differenti inkarigati mit-tmexxija. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li tnejn minnhom okkupaw din il-kariga matul il-vaganzi tas-sajf sakemm saret it-tranżizzjoni bejn kap u ieħor.

**ICL APPEALS BOARD - KAŻIJIET U APPELLI**

**13959. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13801 dwar l-ICL Appeals Board, tista' l-Ministru tgħid meta saru kull wieħed mit-13-il appell li ġew deċiżi u meta ġie deċiż kull wieħed minn dawn l-appelli?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**SERVIZZ TA' ASSISTENZA PERSONALI – UŻU TAS-SUSSIDJU**

**13960. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13800, tista' l-Ministru tispeċifika kif qed jiġu maqsuma l-applikazzjonijiet f'talbiet għal Direct Payment, Independent Community Living jew Assistenti Personali?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-applikazzjonijiet jiġu maqsuma skont l-ammont ta' sigħat ta' servizz li l-applikant ikun jeħtieġ.

Tliet kategoriji: Direct Payment minn 1 sa 16-il siegħa fil-ġimgħa, Independent Community Living 'il fuq minn 16-il siegħa sa 30 siegħa fil-ġimgħa, jew Assistenti Personali aktar minn 30 siegħa fil-ġimgħa għal live-in carer 24/7.

**SERVIZZ TA' ASSISTENZA PERSONALI**

**13961. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 13799 u 13800 rigward is-Servizz ta' Assistenza Personali, tista' l-Ministru tgħid jekk it-48 persuna li hemm referenza għalihom fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13800 humiex inklużi fl-ammont ta' 373 persuna msemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13799?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** It-48 persuna li hemm referenza għalihom fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13800 huma fil-fatt inklużi fl-ammont ta' 373 persuna msemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13799. Dawn it-48 persuna għadhom fil-proċess li jsibu carer tal-għażla tagħhom u għaldaqstant, għalkemm is-servizz ġie approvat lilhom, dawn għadhom ma bdewx jagħmlu użu minn dawn il-fondi.

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14009. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-

Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14010. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14011. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14012. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirrferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14013. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14014. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta'

kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## IL-MELLIEĦA, L-IMĠARR, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR - INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU

**14016. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku li fihom kien hemm korrimenti, u li ntalbet l-assistenza tal-pulizija biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni li nħolqot, fl-inħawi tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar, separatament għal kull lokalità, matul is-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** In-numru ta' inċidenti tat-traffiku fejn il-Pulizija intervjeniet u assistiet minħabba li fihom kien hemm korrimenti li seħħew fl-inħawi tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar fil-perjodu ta' bejn Jannar u Ottubru 2023, kien kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| **Xahar** | **Lokalità** | **Fatali** | **Feriti Gravi** | **Feriti ħfief** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| Jannar | Mellieħa | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | Mġarr | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | Naxxar | 0 | 1 | 4 | 5 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 2 | 2 | 4 |
| **Jannar Total** | | **0** | **3** | **10** | **13** |
| Frar | Mellieħa | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | Mġarr | 0 | 1 | 0 | 1 |
| | Naxxar | 0 | 1 | 1 | 2 |
| | San Pawl il-Baħar | 1 | 0 | 2 | 3 |
| **Frar Total** | | **1** | **2** | **5** | **8** |
| Marzu | Mellieħa | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | Mġarr | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | Naxxar | 0 | 6 | 4 | 10 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 3 | 3 | 6 |
| **Marzu total** | | **0** | **9** | **11** | **20** |
| April | Mellieħa | 0 | 1 | 1 | 2 |
| | Mġarr | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | Naxxar | 0 | 2 | 1 | 3 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 2 | 6 | 8 |
| **April total** | | **0** | **5** | **10** | **15** |
| Mejju | Mellieħa | 0 | 1 | 1 | 2 |
| | Mġarr | 0 | 0 | 3 | 3 |
| | Naxxar | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 0 | 4 | 4 |
| **Mejju total** | | **0** | **1** | **10** | **11** |
| Ġunju | Mellieħa | 0 | 1 | 0 | 1 |
| | Mġarr | 0 | 1 | 1 | 2 |
| | Naxxar | 0 | 1 | 5 | 6 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 3 | 4 | 7 |
| **Ġunju total** | | **0** | **6** | **10** | **16** |
| Lulju | Mellieħa | 0 | 1 | 4 | 5 |
| | Mġarr | 0 | 0 | 1 | 1 |
| | Naxxar | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 1 | 6 | 7 |
| **Lulju total** | | **0** | **2** | **13** | **15** |
| Awwissu | Mellieħa | 0 | 1 | 4 | 5 |
| | Naxxar | 0 | 2 | 1 | 3 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 5 | 6 | 11 |
| **Awwissu total** | | **0** | **8** | **11** | **19** |
| Settembru | Mellieħa | 0 | 2 | 2 | 4 |
| | Mġarr | 0 | 1 | 1 | 2 |
| | Naxxar | 0 | 0 | 4 | 4 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 1 | 4 | 5 |
| **Settembru total** | | **0** | **4** | **11** | **15** |
| Ottubru | Mellieħa | 0 | 2 | 1 | 3 |
| | Mġarr | 0 | 2 | 3 | 5 |
| | Naxxar | 0 | 5 | 5 | 10 |
| | San Pawl il-Baħar | 0 | 2 | 4 | 6 |
| **Ottubru total** | | 0 | 11 | 13 | 24 |
| **Total kollu** | | 1 | 51 | 104 | 156 |

## MARSASKALA – DAWL FIT-TOROQ

**14022. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba d-dawl fit-triq l-antika ta' Marsaskala huwiex jinxtegħel regolarment, billi hemm ilmenti varji li ma huwiex u dan b'detriment għas-sewwieqa varji u dawk li jużawha?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MARSASKALA – DAWL FIT-TOROQ

**14023. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-dawl fit-triq l-antika ta' Marsaskala huwiex jinxtegħel regolarment, billi hemm ilmenti varji li mhuwiex u dan b'detriment għas-sewwieqa varji u dawk li jużawha?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.